**Kif emendat fil-Laqgħa Ġenerali Annwali li inzammet l-Erbgħa 3 ta' April, 2019**

**IDENTITA':**

1. ***Isem:***

1.1. B'dan l-Istatut huwa mwaqqaf il-Kunsill Studenti Universitarji.

1.2. It-traduzzjoni uficċjali ta' dan l-isem huwa *University Students' Council (Malta).*

1.3. L-isem fil-qasir li għandu jintuża internazzjonalment huwa 'KSU'.

1.4. F'dan l-Istatut:

1.4.1. Kull referenza fil-maskil tinkludi wkoll referenza fil-femminil u viċi-versa;

1.4.2. Kull referenza għal 'jiem utli' għandha tfisser il-ġranet mit-Tnejn sal-Ġimgħa iżda teskludi s-Sibt u l-Ħadd u festi pubbliċi u/jew statutorji.

## 2. *Għanijiet:*

2.1 L-għanijiet tal-KSU huma:

2.1.1. Li jkun imfassal mill-istudenti biex iservi lill-istudenti u biex jirrappreżenta u jaġixxi f'isem l-istudenti f'dak li jikkonċernahom u f'dak li hu fl-interess tagħhom, kemm fuq livell istituzzjonali, nazzjonali kif ukoll fuq livell internazzjonali;

2.1.2. Li jservi ta' mezz uffiċjali ta' komunikazzjoni bejn l-istudenti, l-awtoritajiet relevanti u l-*istakeholders* konċernati u biex jservi ta' pjattaforma miftuħ u aċċessibli għall-djalogu miftuħ u progressiv;

2.1.3. Li jagħti vuċi, saħħa u setgħa lill-istudenti billi jinkoraġġihom u jagħtihom opportunitajiet kemm b'mod individwali kif ukoll b'mod kollettiv sabiex jagħrfu jerfgħu responsabbilitajiet u jipparteċipaw u jagħtu kontribut lis-soċjeta';

2.1.4. Li jippromwovi l-valur tal-life-long learning bħala dritt, bħala mezz għal skop akbar, kif ukoll bħala skop fih innifsu;

2.1.5. Li jaħdem għad-demokratizazzjoni ta' u għat-trasparenza fl-edukazzjoni u sabiex jelimina kull tip ta' inugwaljanzi u/jew diskriminazzjoni negattiva u/jew kull tip ta' barriera inġusta għall-esperjenza tal-edukazzjoni għola ħolistika;

2.1.6. Li fejn hu raġjonevolment prattiku u possibbli, jikkoordina l-attivitajiet tiegħu ma' għaqdiet oħra mingħajr ma jissagrifika l-awtonomija tiegħu;

2.1.7. Li, dejjem mingħajr ma jissagrifika l-awtonomija tiegħu, jikkonsulta ma' *stakeholders* oħra fosthom partikolarment l-organizzazzjonijiet studenteski, l-Universita', l-Gvern, l-Unions u rapreżentanti oħra tal-istudenti, għalliema u lekċerers;

2.1.8. Li fl-aġir u fid-deċiżjonijiet tiegħu ifittex dejjem illi jilħaq l-interess ġenerali tal-korp studentesk kollu u partikolarment tal-Membri Sħaħ tal-KSU;

2.1.9. Li jkabbar fost l-istudenti kuxjenza edukattiva, soċjali u kulturali, kif ukoll tippromwovi s-sostenibbilita' ambjentali fost l-istudenti;

2.1.10. Li jagħmel pressjoni fuq l-awtoritajiet konċernati sabiex jiżguraw li l-kwalita' u l-livell tal-edukazzjoni ogħla jkunu l-aħjar possibli;

2.1.11. Li jgħin biex jippromwovi kuxjenza edukattiva fost il-Maltin u l-Għawdxin u li iqajjem kuxjenza dwar edukazzjoni ogħla diversa, moderna u li tħares il-quddiem;

2.1.12. Li jsaħħaħ, jespandi u jagħmel l-aħjar użu mir-riżorsi u faċilitajiet tiegħu fl-aħjar interess tal-Membri tal-KSU;

2.1.13. Li jaħdem sabiex jipproteġi d-drittijiet mniżżla fil-Karta tad-Drittijiet tal-iStudent (*Charter of Students' Rights*) anness ma' dan id-dokument.

## 3. ***Membri***

3.1. Il-membri tal-KSU jinkludu dawn li ġejjin:

3.1.1. Membri Sħaħ; u

3.1.2. Membri Assoċjati.

3.1.3. Il-Membri Sħaħ tal-KSU huma l-istudenti li jkunu uffiċjalment reġistrati bħala studenti fl-Universita' ta' Malta minn ħin għal ħin li jinkludu studenti reġistrati mal-Universita' ta' Malta li jattendu dawn l-istituzzjonijiet li ġejjin:

3.2. Filwaqt li l-Membri Sħaħ jinkludu studenti kemm Maltin u barranin u studenti full-time u part-time u studenti maturi, dawn jeskludu studenti li jinsabu fl-Universita' ta' Malta fuq kwalunkwe' tip ta' skambju.

3.2.1. Il-Membri Sħaħ tal-KSU huma eliġġibbli li jivvutaw fil-Laqgħa Ġenerali tal-KSU li jmiss jew għall-elezzjoni għal membru ġdid tal-Eżekuttiv tal-KSU.

3.2.2. Il-Membri Assoċjati tal-KSU huma:

3.2.3. Studenti li jinsabu fl-Universita' ta' Malta fuq kwalunkwe' tip ta' skambju;

3.2.4. Studenti jew persuni oħra li għadhom mhumiex reġistrati mal-Universita' ta' Malta iżda li qegħdin japplikaw sabiex ikunu reġistrati mal-Universita' ta' Malta.

3.2.5. Dawn il-Membri Assoċjati mhumiex eliġġibbli li jivvutaw fil-Laqgħa Ġenerali tal-KSU jew fl-elezzjoni għall-membru ġdid fl-Eżekuttiv tal-KSU.

## 4. ***Amministrazzjoni***

4.1. Sakemm l-Eżekuttiv ma jiddeċidix xorta oħra, l-uffiċji prinċipali tal-KSU jkunu Dar l-iStudenti fl-Universita' ta' Malta.

4.2. Il-lingwi uffiċjali tal-KSU huma l-Malti u l-Ingliż, iżda sakemm ma jkunx neċessarju għandu jintuża l-Malti.

4.3. Il-verżjonijiet uffiċjali ta' dan l-iStatut huma dawn bil-Malti u bl-Ingliż, iżda f'kull każ ta' nuqqas ta' qbil jew ta' problema fl-interpretazzjoni tal-iStatut jew parti minnha, hija l-verżjoni bil-Malti li għandha tapplika.

4.4. L-emblema tal-KSU hija l-kokka u l-kulur uffiċjali huwa l-*burgundy*.

## 5. ***Deskrizzjoni***

5.1. Il-KSU huwa moviment studentesk, soċjo-politiku, rappreżentattiv u organizzattiv, indipendenti minn partiti politiċi, awtoritajiet ċivili u reliġjużi, u istituzzjonijiet kummerċjali. L-ebda parti mill-profitti, kapital jew assi tal-organizzajoni ma jistghu jintuzaw ghal beneficcju personali, kemm dirett jew indirett, ta' l-ebda promoter, membru, amministratur, donatur jew kwalinkwe persuna ohra interessata f'din l-organizzajoni f'mod personali.

## *6. Organi*

6.1. L-organi uffiċjali tal-KSU huwa dawn li ġejjin:

6.1.1. Il-Laqgħa Ġenerali;

6.1.2. L-Eżekuttiv;

6.1.3. Il-Kummissjoni Edukazzjoni; u

6.1.4. Il-Kummissjoni Politika Soċjali.

## LAQGĦA ĠENERALI

### 7. ***Ġenerali***

7.1. Il-Laqgħa Ġenerali hija l-ogħla istituzzjoni fl-istrutturi tal-KSU.

7.2. Il-Membri kollha tal-KSU jistgħu jattendu l-Laqgħa Ġenerali iżda huma biss dawk il-Membri li huma Membri Sħaħ li għandhom id-dritt tal-vot.

7.3. Il-Membri Assoċjati tal-KSU m'għandhomx id-dritt tal-vot fil-Laqgħa Ġenerali u fi kwalunkwe każ, huwa dritt tas-Sedja li jitlob lil kwalunkwe Membru Assoċjat jew membru tal-pubbliku ieħor li mhux Membru Sħiħ li johroġ mil-Laqgħa Ġenerali b'mod temporanju u/jew permanenti.

### 8. ***Laqgħa Ġenerali Annwali***

8.1. Il-Laqgħa Ġenerali tissejjaħ darba f'sena, bejn l-ewwel (1) ta' Marzu u t-tletin (30) t'April, imlaqqa' mill-Eżekuttiv u tisejjaħ il-Laqgħa Ġenerali Annwali

8.2. Il-Laqgħa Ġenerali Annwali għandha timxi skond il-proċedura hekk imniżżla fit-taqsima erbgħa (4) tal-Appendiċi 'A' anness ma' dan l-istess Statut.

### 9. ***Laqgħa Ġenerali Straordinarja***

9.1. Il-Laqgħa Ġenerali tista' tissejjaħ b'mod straordinarju u tissejjaħ il-Laqgħa Ġenerali Straordinarja.

9.2. Il-Laqgħa Ġenerali Straordinarja tista' tissejjaħ mill-Eżekuttiv b'vot ta' mhux inqas minn żewġ terzi (⅔) tal-membri kollha tal-Eżekuttiv.

9.3. Il-Laqgħa Ġenerali Straordinarja tista' tissejjaħ ukoll meta ħames mitt (500) Membru Sħiħ tal-KSU jagħmlu talba bil-miktub lill-President b'dan l-għan. Din it-talba għandha jkollha dawn li ġejjin:

9.3.1. It-talba per se;

9.3.2. Ir-raġuni(ijiet) għat-talba;

9.3.3. L-isem u kunjom tal-ħames mitt (500) Membru Sħiħ (jew f'każ ta' studenti barranin in-numru tal-passaport).

9.4. Talba li ssir minn ħames mitt (500) membru għandha tiġi milqugħa u mwettqa mill-Eżekuttiv fi żmien ħmistax (15)-il jum utli minn meta ssir it-talba u din għandha tissejjaħ il-Laqgħa Ġenerali Straordinarja.

9.5. Fejn l-Eżekuttiv jonqos milli jwettaq dmiru kif spjegat, dawk il-persuni li jkunu għamlu t-talba tagħhom għandhom id-dritt li jressqu t-talba tagħhom quddiem il-Bord tad-Dixxiplina. Dan id-dritt jibda wara li jkunu għaddew ħmistax (15)-il ġurnata mit-talba oriġinali tagħhom lill-Eżekuttiv tal-KSU. Ġaladarba l-kundizzjonijiet fuq imsemmija fl-Artikolu 9.2 ġew osservati, il-Bord tad-Dixxiplina meta avviċinat b'talba ta' din il-kwalita' għandu l-obbligu li jsejjaħ il-Laqgħa hu, f'post, ħin u ġurnata determinati minnu li fi kwalunkwe każ m'għandux ikun iżjed tard minn għaxart (10) ijiem mid-data li fiha t-talba tkun tressqet lill-Bord tad-Dixxiplina.

9.6. Il-Laqgħa Ġenerali Straordinarja għandha timxi skond il-proċedura hekk imniżżla fit-taqsima erbgħa (4) ta' l-Appendiċi 'A' ta' dan l-istess Statut.

## *10.Aġenda tal-Laqgħa Ġenerali Annwali*

10.1. Il-Laqgħa Ġenerali Annwali għandha fost l-oħrajn titratta dan li ġej:

10.1.1. Ħatra tas-Sedja;

10.1.2. Approvazzjoni tal-Aġenda;

10.1.3. Minuti: Rapport tal-Minuti u Approvazzjoni;

10.1.4. Rapport Annwali;

10.1.5. Ħatra tal-Bord tad-Dixxiplina u tal-Bord tal-Appell;

10.1.6. Ħatra tal-Awditur;

10.1.7. Ħatra tal-Avukat;

10.1.8. Ħatra tal-Kummissjoni Elettorali;

10.1.9. Ħatra tal-Perit

10.1.10. Diskussjoni u votazzjoni fuq mozzjonijiet imressqa mill-Eżekuttiv jew imsieħba;

10.1.11. Nominazzjonijiet u preżentazzjoni tal-kandidati tal-Eżekuttiv il-ġdid.

## 11. *Kworum*

11.1. Il-Kworum għal-Laqgħa Ġenerali jkun ta' għaxra fil-mija (10%) tal-membri, iżda wara nofs siegħa tibda jekk ikun hemm mija u ħamsin (150) membru preżenti. Jekk il-Laqgħa Ġenerali tiġi posposta minħabba nuqqas ta' kworum, il-Laqgħa Ġenerali posposta tibda bin-numru ta' studenti preżenti.

11.2. Il-Laqgħa Ġenerali Annwali posposta m'għandiex titlaqqa' iżjed tard minn ħmistax (15)-il ġurnata wara d-data tal-ewwel laqgħa.

11.3. Fejn il-Laqgħa Ġenerali ma jirnexxiliex tlesti l-aġenda kollha, il-Laqgħa tiġi aġġornata u trid tiltaqa' sa mhux iktar minn ħmistax (15)-il ġurnata mid-data meta tiġi aġġornata.

## EŻEKUTTIV

### *12.* ***Dmirijiet***

12.1. Id-dmirijiet tal-Eżekuttiv jinkludu dawn li ġejjin:

12.1.1. Li jaffetwa d-deċiżjonijiet tal-Assemblea Ġenerali;

12.1.2. Li jwettaq l-għanijiet elenkati f'Artiklu 2 f'dan l-iStatut;

12.1.3. Li jwettaq deċiżjonijiet tal-Kummissjonijiet dwar il-politika tal-KSU fl-aħjar interess tal-Membri tiegħu u tal-korp studentesk;

12.1.4. Li jfassal l-abbozz tal-aġenda għal-laqgħat tal-Kummissjonijiet wara konsultazzjoni mal-membri tal-kummissjonijiet;

12.1.5. Li jagħti informazzjoni lill-Membri u lill-istudenti dwar il-ħidma tal-KSU matul is-sena;

12.1.6. Li jżomm kuntatt kontinwu mal-entitajiet governattivi u amministrattivi fl-Universita' ta' Malta;

12.1.7. Li jwassal lill-Membri opportunitajiet kurrenti li għandhom x'jaqsmu primarjament mal-edukazzjoni iżda wkoll relatati mal-ħajja studenteska , soċjo-politika u kulturali;

12.1.8. Li jwettaq il-pjan ta' ħidma imsemmi fl-Artiklu 13 skond l-eżigenzi tal-KSU kif ukoll skond iċ-ċirkustanzi u l-interessi tal-Membri;

12.1.9. Li jirrappreżenta l-interessi tal-Membri fuq livell istituzzjonali, nazzjonali u internazzjonali;

12.1.10. Li, fil-perjodu ta' transizzjoni imsemmi f' Artiklu 14.4 jagħti rapport ta' *handover* sodisfaċenti għall-membri tal-Eżekuttiv elett sa mhux iktar tard mill-ewwel (1) ta' Ġunju.

## 13. ***Pjan ta' Ħidma u Baġit***

13.1. L-Eżekuttiv għandu jfassal Pjan ta' Ħidma u Pjan Finanzjarju (il-'Pjan') għat-tul tal-mandat ta' dak l-Eżekuttiv.

13.2. Filwaqt li l-Pjan għandu jindika kif ser tiġi irregolata l-amministrazzjoni ġenerali tal-KSU, l-istess Pjan għandu jagħti indikazzjoni ċara tal-ħidma tal-Eżekuttiv għal dak il-mandat, u għalhekk għandu jinkludi:

13.2.1. Lista, deskrizzjoni u dati provviżorji; indikazzjoni ta' ħin għall-preparazzjoni u post tentattiv ta' kull attivita' u/jew xogħol ippjanat;

13.2.2. Lista ta' riżorsi neċessarji, stimi ta' dħul u tal-ispejjeż għal kull attivita' u/jew xogħol ippjanat inklużi riżorsi umani;

13.3. L-ewwel verżjoni tal-Pjan għandu jkun lest sa mhux iktar tard minn ħamsa u sebgħin (75) jum mill-ġurnata minn meta l-Eżekuttiv il-ġdid ikun beda t-terminu tiegħu.

13.4. Il-Pjan għandu jiġi aġġornat minn żmien għall-żmien.

13.5. Kull membru tal-Eżekuttiv tal-KSU jista' jaħtar assistenti jew kumitati biex jgħinuh skond kif jiddetermina l-Eżekuttiv.

13.6. Kull membru tal-Eżekuttiv għandu l-obbligu li jirrapportau jinforma lill-Eżekuttiv dwar il-pjanijiet u ħidmiet tiegħu partikolarment fir-rigward ta' dak li hemm miktub fil-Pjan fuq imsemmi.

## 14. ***Komposizzjoni u Terminu***

14.1. L-Eżekuttiv tal-KSU huwa magħmul minn tlettax (13)-il membru.

14.2. It-tlettax (13)-il membru għandhom jokkupaw wieħed mill-karigi segwenti:

14.2.1. Il-President;

14.2.2. Il-Viċi President;

14.2.3. Is-Segretarju Ġenerali;

14.2.4. L-Uffiċjal Finanzjarju;

14.2.5. L-Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi;

14.2.6. L-Uffiċjal Internazzjonali;

14.2.7. Il-Koordinatur Internazzjonali;

14.2.8. Il-Kummissarju għall-Edukazzjoni;

14.2.9. Il-Koordinatur ghall-Edukazzjoni;

14.2.10. Il-Kummissarju għall-Politika Soċjali;

14.2.11. Il-Koordinatur għall-Politika Soċjali;

14.2.12. L-Uffiċjal għall-Kultura u d-Divertiment;

14.2.13. Il-Koordinatur għall-Kultura u d-Divertiment.

14.3. It-terminu tal-Eżekuttiv jkun ta' sena u jibda mill-ewwel (1) ta' Ġunju u jispiċċa fil-wieħed u tletin (31) ta' Mejju.

14.4. Il-perjodu ta' bejn l-elezzjonijiet għall-Eżekuttiv il-ġdid u l-ewwel (1) ta' Ġunju jkun wieħed ta' transizzjoni bejn il-membri preżenti u l-membri eletti.

## 15. ***Voti fl-Eżekuttiv***

15.1. Kull membru fl-Eżekuttiv għandu vot wiehed (1).

15.2. Ħlief f'każijiet speċifikati f'dan l-iStatut, kull deċiżjoni tal-Eżekuttiv tittieħed permezz tal-maġġoranza tal-voti preżenti. Dan li f'każ ta' parita' fil-vot, il-President, jew fl-assenza tiegħu s-Segretarju Ġenerali, għandu l-casting vote.

15.3. Waqt il-perjodu ta' transizzjoni, il-membri eletti m'għandhomx id-dritt tal-vot.

15.4. Dan li kull deċiżjoni tal-Eżekuttiv uxxenti waqt il-perjodu ta' transizzjoni tista' tiġi annullata ġaladarba l-Eżekuttiv elett, wara vot bejn il-membri kollha eletti, jivvota hekk b'mhux inqas minn żewġ terzi (⅔) tal-voti kollha tal-Eżekuttiv elett biss f'dawn il-każijiet:

15.4.1. Dwar deċiżjoni li tfisser jew li għandha l-potenzjal li tfisser infiq totali ta' iktar minn elf u ħames mitt (1500) ewro min-naħa tal-Eżekuttiv;

15.4.2. Dwar deċiżjoni li torbot lill-Eżekuttiv li jagħmel jew ma jagħmilx jew li jidħol jew ma jidħolx f'xi negozju, arranġament ekonomiku jew kuntrattwali wara tmiem il-perjodu ta' transizzjoni.

15.5. Diskussjoni dwar deċiżjoni meħudha b'vot tal-Eżekuttiv ma tistax terġa tinfetaħ; dan li l-Eżekuttiv jista' jivvota li terġa' tinfetaħ id-diskussjoni u li jerġa' jittieħed il-vot.

## 16. ***Laqgħat tal-Eżekuttiv***

16.1. Laqgħat tal-Eżekuttiv għandhom isiru b'mod regolari; dan li għandu jiltaqa' ta' l-inqas darba kull erba' (4) ġimgħat.

16.2. Il-laqgħat tal-Eżekuttiv jissejħu mis-Segretarju Ġenerali. Dan li kull membru jista' jitlob bil-miktub lis-Segretarju Ġenerali sabiex tissejjah laqgħa tal-Eżekuttiv, u kull talba bħal din għandha tkun sekondata. F'dan il-każ, is-Segretarju Ġenerali għandu jsejjaħ laqgħa sa mhux aktar tard minn ħamest (5) ijiem utli mid-data tat-talba u l-laqgħa għandha ssir sa mhux inqas minn għaxar (10) ġranet utli wara li tkun saret it-talba.

16.3. L-Eżekuttiv għandu d-dritt li jirregola l-proċedura tal-laqgħat tal-Eżekuttiv. Għal dan il-għan, l-Eżekuttiv elett għandu joħroġ *Standing Orders* waqt l-ewwel laqgħa tiegħu li taqa' wara l-ewwel (1) ta' Ġunju u dawn għandhom jorbtu lill-Eżekuttiv elett għat-terminu tagħhom.

16.4. L-ebda dispożizzjoni fl-i*Standing Orders* ma tista' tmur kontra d-dispożizzjonijiet ta' dan l-iStatut, u f'każ ta' kunflitt, id-dispożizzjoni ta' l-i*Standing Orders* tkun nulla sa fejn din tkun inkonsistenti mal-istess Statut.

16.5. L-i*Standing Orders* ikunu validi jekk jiġu ratifikati b'vot ta żewġ terzi (⅔) tal-Eżekuttiv, u kull emenda għall-i*Standing Orders* għandha ssir bl-istess ammont ta' voti.

16.6. Il-laqgħat u dak li jintqal jew jiġi deċiż fil-laqgħat tal-Eżekuttiv huma kunfidenzjali u l-membri tal-Eżekuttiv għandhom jirregolaw rħhom skond il-Kodiċi tal-Etika annessa ma' dan l-iStatut. L-obbligu ta' kunfidenzjalita' għandu jibqa' japplika anke wara li jispiċċa l-mandat ta' dak l-Eżekuttiv jew ta xi membru tal-Eżekuttiv għal xi raġuni jew oħra.

16.7. Dan li, il-President għandu l-prerogattiva fuq talba ta' Membru Sħiħ li jeżerċita d-diskrezzjoni tiegħu u jagħti aċċess għall-minuti jew parti minnhom.

16.8. Jekk membru tal-Eżekuttiv ma jattendix għal żewġ (2) laqgħat konsekuttivi li huwa eliġibbli għalihom, inkluża l-Laqgħa Ġenerali, u ma jiġġustifikax b'raġuni valida u aċċettabli għall-Eżekuttiv, dan il-membru jiġi awtomatikament dekadut mill-imsemmi Eżekuttiv u ma jibqa' bl-ebda mod jirrappreżenta lill-KSU fl-ebda Bord, Kumitat, jew istituzzjoni oħra. Membru tal-Eżekuttiv li ma jattendix għal-laqgħa għal raġuni valida għandu jinforma lill-President biex jitniżżel bħala skużat fil-lista tal-attendenza. Jekk il-membru jonqos li jagħmel dan fi żmien ta' erbgħa u għoxrin

(24) siegħa wara l-laqgħa (minbarra f'każi ta' mard serju, safar jew xi disgrazzja), dan jitqies bħala li kien assenti mill-laqgħa.

16.9. Is-Segretarju Ġenerali huwa responsabbli għaż-żamma tal-minuti tal-laqgħat tal-Eżekuttiv u għandu jagħti kopja tagħhom lil kull membru tal-Eżekuttiv sa mhux inqas minn jumejn qabel il-laqgħa segwenti.

## KUMMISSJONIJIET

*17.* ***Deskrizzjoni:***

17.1. Ikun hemm żewġ (2) Kummissjonijiet li jissejħu hekk:

17.1.1. Il-Kummissjoni Edukazzjoni (KE); u

17.1.2. Il-Kummissjoni Politika Soċjali (KPS).

17.2. Iż-żewġ Kummissjonijiet huma indipendenti minn xulxin.

17.3. Il-President tal-KSU jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, jikkonsulta ma' laqgħa konġunta bejn il-membri tal-KE u tal-KPS. Dan li ż-żewġ Kummissjonijiet għandhom dejjem jibqgħu organi separati b'funzjonijiet u poteri distinti u fl-ebda mument ma jistgħu jittieħdu deċiżjonijiet jew voti fil-laqgħat ta' konsultazzjoni konġunti.

17.4. Jekk deċiżjoni jew vot f'waħda mill-Kummissjonijiet tkun fil-prinċipju u s-sustanza tagħha kontradittorja gcal xi deċiżjoni jew vot li ttiehed fil-Kummissjoni l-oħra, allura l-Eżekuttiv tal-KSU għandu jsejjaħ Laqgħa Ġenerali sabiex tittieħed deċiżjoni jew vot ġdid fuq l-istess suġġett. Dan il-vot tal-Laqgħa Ġenerali jkun finali u jista' jiġi emendat jew revokat biss b'vot tal-Laqgħa Ġenerali.

17.5. Membru sħiħ jista' jagħmel talba bil-miktub lill-KE jew KPS sabiex jsir stħarrig online, forma ta' vot online, mistoqsija magħluqa jew miftuħa fuq il website tal-KSU fost il-Membri dwar tema ta' natura edukattiva jew ta' politika socjali.

17.5.1. Din it-talba għandha tigi diskussa mill-Kummissjoni rispettiva u għandha titressaq ghall-kunsiderazzjoni tal-Membri wara l-approvazzjoni ta' 2/3 prezenti tal-membri tal-Kummisjoni koncernata fi zmien ħmistax (15)-il gurnata utli mill-approvazzjoni.

17.5.2. Il-Kummissjoni koncernata għandha tara li dan l-istħarrig jitwassal lill-Membri

kollha f'format online.

17.5.3. Il-votazzjoni online għandha tkun meqjusa bħala waħda ta' konsultazzjoni sabiex fuqha titmexxa l-politika tal-KSU.

## Kummissjoni Edukazzjoni

### 18. *Deskrizzjoni, Kompetenzi u Dmirijiet*

18.1.1. Il-Kummissjoni Edukazzjoni tfassal il-politika tal-KSU dwar l-edukazzjoni. Għal dan il-għan, il-membri tal-Kummissjoni Edukazzjoni għandhom, taħt id-direzzjoni tal-Kummissarju u l-Koordinatur Edukazzjoni:

18.1.2. Jaħtru Kummissarju sabiex iservi fuq l-Eżekuttiv tal-KSU;

18.1.3. Jifformolaw politika li tiggwida lill-istess membri tal-Kummissjoni fil-ħidma tagħhom bħala rappreżentanti fuq il-Fakultajiet, Bordijiet, Istituzzjonijiet, is-Senat u l-Kunsill;

18.1.4. Jippromwovu l-politika edukattiva maħruġa minnhom billi jipproponu kampanji, rapporti, dibattiti jew attivitajiet oħra li jidrilhom xieraq sabiex jitwettqu mill-Eżekuttiv;

18.1.5. Iżommu ruħhom aġġornati ma' regolamenti u informazzjoni oħra li jaffettwaw il-pożizzjoni akkademika tal-istudenti;

18.1.6. Jaħdmu sabiex il-KSU u l-Universita' jkollhom sistemi effettivi għas-smigħ u rimedju għall-ilmenti ta' natura akkademika;

18.1.7. Permezz tal-Kummissarju u l-Koordinatur Edukazzjoni, iżommu relazzjonijiet adegwati ma' istituzzjonijiet u korpi kostitwiti oħra b'interess akkademiku kemm ġewwa u barra l-Kampus Universitarju;

18.1.8. Jistudjaw, jiddiskutu u jaraw jekk il-politika internazzjonali f'dan il-qasam tapplikax u tistax tkun ta' ġid għall-kuntest nazzjonali;

18.1.9. Jieħdu kull inizzjattiva, jorganizzaw kull attivita' u joħolqu kull proġett ieħor li jidrilhom li jaqa' taħt l-isfera akkademika;

18.1.10. Jaħdmu għall-rappreżentanza aktar attiva mill-membri fl-oqsma akkademiċi kollha ta' l-Universita' ta' Malta;

18.1.11. Japprova il-Pjan ta' Ħidma mfassla mill-Kummissarju u l-Koordinatur Edukazzjoni;

18.1.12. Jiffurmaw u jaġġornaw il-politika akkademika li tigi ppreżentata għad-diskussjoni fil-KPS;

18.1.13. Jaħdmu sabiex jinħoloq dejjem aktar għarfien fuq il-ħidma tal-Kummissjoni Edukazzjoni fost l-istudenti tal-Universita' permezz ta' mezzi ta' promozzjoni u l-ippublikar ta' artikli ta' informazzjoni u ta' kritika fl-oqsma relevanti għall-politika akkademika tal-istess Kummissjoni;

18.1.14. Jiltaqgħu mhux anqas minn darba kull tlett (3) xhur.

## 19. ***Membri tal-Kummissjoni Edukazzjoni***

19.1. Il-membri tal-Kummissjoni Edukazzjoni huma dawk li ġejjin u jieħdu l-post tagħhom fuq il-Kummissjoni *ex officio* malli jiġu eletti fil-kariga akkademika li għalihza jkunu kkontestaw:

19.1.1. Il-Kummissarju Edukazzjoni bħala kap *ex officio* tal-Kummissjoni Edukazzjoni, mingħajr dritt tal-vot;

19.1.2. L-Eżekuttiv tal-KSU, permezz tal-President u fl-assenza tal-President permezz tas-Segretarju Ġenerali;

19.1.3. Studenti rappreżentanti eletti fuq il-Kunsill u s-Senat ta' l-Universita';

19.1.4. Studenti rappreżentanti eletti fuq il-Bordijiet tal-Fakultajiet mill-istudenti;

19.1.5. Studenti rappreżentanti eletti fuq il-Bord tal-*Junior College*;

19.1.6. Studenti rappreżentanti ta' kull Bord ta' Istitut jew Ċentru li għandha mitt (100) student jew iżjed u li toffri *undergraduate degrees*. Dawn l-Istituti u Ċentri jiġu ddeterminati mill-Kummissarju fil-bidu tat-terminu tiegħu wara li jikkonsulta ma' l-entitajiet Universitarji, fosthom ir-*Registrar*.

19.2. Ir-rappreżentanti imsemmija fil-partijiet preċedenti ta' dan l-artikolu huma marbuta li jissottomettu rapport fuq l-attivita' tagħhom lill-Kummissjoni Edukazzjoni f'Jannar u Ġunju qabel it-tmiem ta' kull *term*.

19.3. Fejn wieħed mir-rappreżentanti imsemmija fil-partijiet preċedenti ta' dan l-artikolu jfalli milli jattendi għal erba' (4) laqgħat konsekuttivi u jesprimi bil-miktub f'ittra indirizzata lill-Kummissarju li ma jixtieqx jibqa' jikkwalifika bħala rappreżentant

fil-Kummissjoni, din l-istess persuna awtomatikament titlef id-dritt li tattendi u tivvota fi ħdan il-Kummissjoni.

19.4. Il-Kummissjoni tkun obbligata li titlob lill-għaqda studenteska, Fakulta, Ċentru jew Istitut responsabbli għan-nomina jew elezzjoni tal-istess rappreżentant sabiex tinnomina persuna li tkun kapaċi tieħu l-post vakanti ta' rappreżentant fuq il-Kummissjoni għall-bqija tat-terminu.

19.5. Ir- raprezentant nominat kif imsemmi fl-artiklu 19.4, irid jiġi approvat b'vot tal-maġġoranza tal-membri preżenti fil-laqgħa tal-Kummissjoni Edukazzjoni.

## 20. ***Voti fil-Kummissjoni Edukazzjoni, Kworum***

20.1. Kull membru fil-Kummissjoni għandu vot wieħed fil-laqgħat. Il-Kummissarju ma jivvutax ħlief f'każ ta' parita' fejn imbagħad jeżerċita' l-*casting vote*.

20.2. Il-voti fil-Kummissjoni Edukazzjoni huma marbuta mal-kariga u mhux mal-ersuna u għalhekk persuna li tokkupa iktar minn kariga waħda għandha dritt għal vot rispettiv għal kull kariga. Dan li, l-ebda persuna ma jista' jkollha aktar minn tlett (3) voti fil-Kummissjoni.

20.3. Kull deċiżjoni fil-Kummissjoni tittieħed b'maġġoranza tal-voti preżenti. Dan li, bidla fil-politika akkademika tista' ssir biss meta tiġi approvata mil-inqas minn żewġ terzi (⅔) tal-membri preżenti.

20.4. Il-kworum tal-Kummissjoni jkun ta kwart (1/4) tal-membri rappreżentanti mill-Fakultajiet u mill-Istituti u kwart (1/4) tal-membri l-oħra.

20.5. Għall-finijiet ta' kworum, għandhom jitqiesu dawk il-karigi kollha mimlija biss. Dan ifiser li fejn f'xi Bord, Fakulta', fil-Kunsill jew fis-Senat ma jkunux imtlew il-postijiet kollha, il-postijiet vakanti ma jgħoddux għall kworum.

20.6. Il-Kummissjoni Edukazzjoni tista' tgħaddi *Standing Orders* neċessarji għall-ħidma tagħha sakemm dawn ikunu konformi mal-provedimenti ta' dan l-iStatut. L-i*Standing Orders* jitqiesu li huma promulgati meta jiġu approvati mill-maġġoranza tal-membri preżenti u ffirmati mill-Kummissarju u Koordinatur u jistgħu jiġu emendati biss mill-istess Kummissjoni b'deċiżjoni tal-maġġoranza tal-membri preżenti.

20.7. Il-Kummissjoni Edukazzjoni għandha tapprova linji ta' gwida għall-funzjonijiet

tar-rappreżentanti studenteski fuq il-Bordijiet tal-Universita' sakemm dawn ikunu koformi mall-provvedimenti ta' dan l-iStatut. Il-linji ta' gwida jitqiesu li huma promulgati meta jiġu approvati mill-maġġoranza tal-Kummissjoni Edukazzjoni u din ma tkunx anqas minn terz tal-membri u ffirmati mill-Kummissarju u l-Koordinatur u jistgħu jiġu emendati biss mill-istess Kummissjoni b'deċiżjoni ta' terz (⅓) tal-membri. Il-Kummissjoni Edukazzjoni għandha iġġedded il-linji ta' gwida minn sena għal sena.

20.8. Il-Kummissjoni Edukazzjoni tista' wkoll, għall-finijiet ta' Artikolu 18.5, tirregola t-tħaddim tas-sistema tal-lmenti.

20.9. Il-Kummissjoni Edukazzjoni tista', bil-għan li tiffaċilita' l-ħidma għat-twettiq tal-għanijiet tagħha, tappunta kumitati *ad hoc* għall-proġetti, rapporti jew kwistjonijiet speċifiċi.

20.10. Kull kumitat *ad hoc* għandu jkun ippresedut minn membru tal-Kummissjoni Edukazzjoni.

20.11. Kull deċiżjoni, rapport, jew ħidma oħra finali ta' kumitat *ad hoc* ma tkunx uffiċjali u valida mingħajr ir-ratifika tal-Kummissjoni Edukazzjoni.

## 21. ***<u>Ħatra tal-Kummissarju</u>***

21.1. Fl-ewwel laqgħa tal-Kummissjoni Edukazzjoni li ssir wara l-elezzjonijiet għall-Eżekuttiv, liem laqgħa għandha ssir sa mhux iktar tard minn ġimgħatejn wara l-istess elezzjonijiet, għandha tiġi nnominata persuna sabiex isservi fil-kariga ta' Kummissarju Edukkazjoni. Kull membru fil-Kummissjoni għandu dritt li jinnomina persuna.

21.2. Il-persuni nominati ma jridux neċessarjament ikunu minn fost ir-rappreżentanti eletti.

21.3. L-elezzjoniji għall-Kummissarju ssir permezz ta' vot sigriet u l-Kummissarju jiġi elett b'iktar minn ħamsin fil-mija (50%) tal-voti preżenti.

21.4. Għall-finjiet ta' din l-elezzjoni, il-President elett, jew fl-assenza tiegħu s-Segretarju Ġenerali elett tal-Eżekuttiv għandu d-dritt tal-vot minflok il-President uxxenti minkejja li l-elezzjoni ssir waqt il-perjodu ta' transizzjoni.

21.5. F'każ t'iktar minn żewġ kandidati, jekk ħadd ma jaqbeż il-ħamsin fil-mija (50%)

tal-voti preżenti, terġa issir elezzjoni bejn dawk iż-żewġ kandidati li jkunu kisbu l-iktar voti.

21.6. Fejn il-peresuna eletta tkun minn fost l-istess membri rappreżentanti, din iżżomm il-vot oriġinali bħala rappreżenant akkademiku u dan jiżdied mal-poteri tal-casting vote.

21.7. Il-Kummissarju elett jibqa' tali għall-bqija tal-Eżekuttiv sa' l-ewwel (1) ta' Ġunju. Fil-perjodu ta' transizzjoni bejn Marzu u Ġunju, ir-responsabbilitajiet tal-Kummissarju jibqgħu jitħaddmu mill-Kummissarju uxxenti. Nhar l-ewwel (1) ta' Ġunju, il-Kummissarju elett jieħu l-kariga mal-bqija tal-Eżekuttiv.

## 22.***Dmirijiet tal-Kummissarju u l-Koordinatur Edukazzjoni***

22.1. Il-Kummissarju u l-Koordinatur Edukazzjoni, flimkien ma' l-Uffiċjal Internazzjonali, huma responsabbli b'mod konġunt għad-dmirijiet tal-Kummissjoni, għat-twettiq tad-dmirijiet tal-istess Kummissjoi, u għall-eżekuzzjoni tal-proġetti tal-Kummissjoni fl-Eżekuttiv tal-KSU. Huma wkoll responsabbli b'mod konġunt sabiex iżommu lill-Eżekuttiv infurmat bil-ħidma tagħhom u tal-Kummissjoni.

22.2. Il-Kummissarju Edukazzjoni huwa responsabbli direttament għat-tfassil u n-notifika tal-aġenda għal-laqgħat, bħala sedja tal-istess laqgħat, u tal-korrispondenza f'isem il-Kummissjoni.

22.3. Il-Koordinatur Edukazzjoni huwa responsabbli direttament għall-eżekuzzjoni ta' programmi u proġetti tal-Kummissjoni.

22.4. Il-Koordinatur Edukazzjoni huwa obbligat li jattendi għal-laqgħat tal-Kummissjoni Edukazzjoni u inkarigat li jżomm il-minuti ta' kull laqgħa tal-istess Kummissjoni bil-mod stipulat fl-Appendiċi ta' dan l-iStatut fir-rigward tal-minuti tal-Laqgħa Ġenerali. Huwa responsabbli għall-koordinazzjoni tal-ġbir tal-informazzjoni u r-regolamenti neċessarji. L-istess Koordinatur m'għandux dritt għall-vot fil-Kummissjoni Edukazzjoni.

22.5. Il-Kummissarju u l-Koordinatur huma responsabbli li jħaddmu sistema ta' smigħ u

rimedju tal-ilmenti akkademiċi għall-KSU. Huma obbligati li jilqgħu l-ilmenti, jaħdmu biex isolvuhom u jżommu lista aġġornata tal-istess ilment u l-eżitu ta' kull każ.

22.6. Il-Kummissarju u l-Koordinatur huma responsabbli b'mod konġunt għat-tmexxija demokratika tal-Kummissjoni, għat-twettiq tad-dmirijiet tal-istess Kummissjoni, u għall-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u proġetti tal-Kummissjoni fl-Eżekuttiv tal-KSU. Huma wkoll responsabbli b'mod konġunt sabiex iżommu lill-Eżekuttiv infurmat bil-ħidma tagħhom u tal-Kummissjoni.

22.7. Il-Kummissarju Edukazzjoni għandu d-dmir li jsejjaħ il-laqgħat tal-Kummissjoni Edukazzjoni.

22.8. Laqgħa tal-Kummissjoni Edukazzjoni tista' tissejjaħ ukoll minn tlett (3) membri li jirrappreżentaw tlett (3) karigi differenti, billi dawn jagħmlu talba bil-miktub lill-Kummissarju Edukazzjoni b'dan il-għan.

22.9. F'każ li ssir din it-talba, għandha tinkludi ir-raġunijiet għalfejn qegħda tissejjaħ il-laqgħa.

22.10. Fejn il-Kummissarju jonqos milli jwettaq dmiru kif spjegat, dawk il-membri li jkunu għamlu t-talba għandhom id-dritt li javżaw lill-membri kollha bl-aħjar mezz possibli u jsejħu laqgħa huma f'post, ħin, u data determinata minnhom. Dan id-dritt jibda wara li jkunu għaddew ħmistax (15)-il ġurnata minn meta tkun saret it-talba.

## Kummissjoni Politika Soċjali

### 23. *Deskrizzjoni, Kompetenzi u Dmirijiet*

23.1. Il-Kummissjoni Politika Soċjali tfassal il-politika soċjali tal-KSU. Għal dan il-għan, il-membri tal-Kummissjoni Politika Soċjali għandhom, taħt id-direzzjoni tal-Kummissarju u l-Koordinatur Politika Soċjali:

23.1.1. Jaħtru Kummissarju sabiex iservi fuq l-Eżekuttiv tal-KSU;

23.1.2. Jifformolaw il-posizzjoni tal-KSU dwar kwistjonijiet ta' politika soċjali nazzjonali u internazzjonali, u dwar politika studenteska universitarja, nazzjonali u internazzjonali;

23.1.3. Jikkonsultaw mal-Koordinatur Internazzjonali u mal-Kummissarju Edukazzjoni f'affarijiet li jolqtu lilhom;

23.1.4. Jippromwovu l-politika maħruġa minnhom billi jipproponu u jniedu kampanji informattivi u jipproponu rapporti, dibattiti jew attivitajiet oħra li jidrilhom xierqa li għandhom jiġu kkunsidrati li jitwettqu mill-Eżekuttiv tal-KSU;

23.1.5. Jagħmlu riċerka dwar diversi kwistjonijiet fil-forma ta' *surveys* jew b'kull mod ieħor li jidrilhom xieraq;

23.1.6. Jaħdmu favur ir-rappreżentanza xierqa tal-interessi kollha li huma jirrappreżentaw billi jaċċertaw li l-interessi tal-membri tagħhom jiffurmaw parti integrali mid-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni fejn hemm bżonn iżda li fl-istess waqt iħarsu dejjem l-interessi tal-Membri tal-KSU;

23.1.7. Jieħdu kull inizzjattiva, jorganizzaw kull attivita' u joħolqu kull progett ieħor li jidrilhom li jaqa' taħt l-isfera tal-politika soċjali.

23.1.8. Jaqblu fuq pjan ta' hidma ghal matul is-sena sabiex ikun hemm direzzjoni fil-politika li tiġi diskussa. Ghandhom ikunu wkoll miftuhin ghal diskussjoni fuq kwistjonijiet ta' politika socijali li jistghu jinqalghu matul is-sena.

## 24. ***Membri tal-Kummissjoni Politika Soċjali***

24.1. Il-membri tal-Kummissjoni Politika Soċjali huma dawk l-għaqdiet studenteski approvati mis-Senat tal-Universita' minn ħin għal ħin, fosthom il-KSU.

## 25. ***Voti fil-Kummissjoni Politika Soċjali, Kworum***

25.1. Kull għaqda membru fil-Kummissjoni għandha vot wieħed fil-laqgħat. Il-Kummissarju ma jivvutax ħlief fil-każ ta' parita' fejn imbagħad jeżerċita' l-*casting vote*.

25.2. Dan li, l-President għandu jeżerċita d-dritt tal-vot tal-KSU, u fl-assenza tiegħu s-Segretarju Ġenerali; iżda fl-assenza tagħhom it-tnejn, kwalunkwe' membru ieħor nominat mill-Eżekuttiv li fl-ebda każ m'għandhom ikunu l-Kummissarju jew l-Koordinatur Politika Soċjali.

25.3. Kull għaqda għandha dritt tibgħat mhux aktar minn rappreżentant wieħed għal kull

laqgħa tal-Kummissjoni. Madanakollu, n-numru ta' rappreżentanti li jintbagħtu jista' jiżdied bil-permess tal-Kummissarju f'dawk il-każijiet fejn fid-diskrezzjoni tal-Kummissarju huwa neċessarju.

25.4. Il-voti fil-Kummissjoni Politika Soċjali huma marbuta ma' l-għaqda u mhux mal-persuna u għalhekk persuna li tirrappreżenta iktar minn għaqda waħda li hi ukoll membru fihom għandha dritt għal vot għal kull għaqda. Mingħajr preġudizzju għal dan, l-ebda persuna ma jista' jkollha iktar minn żewġ (2) voti fil-Kummissjoni.

25.5. Fejn il-Kummissjoni tiġi biex tieħu deċiżjoni fuq il-politika soċjali, l-membri preżenti għandhom d-dritt li jivvutaw biex jispposponu l-vot fuq l-istess deċiżjoni għal-laqgħa li jmiss. Dan li, deċiżjoni ma tistax tiġi posposta b'dan il-mod għal iktar minn darbtejn (2).

25.6. Kull deċiżjoni fil-Kummissjoni tittieħed bil-maġġoranza tal-voti preżenti.

25.7. Il-kworum tal-Kummissjoni jkun terz (⅓) tal-għaqdiet eliġibbli għall-vot.

25.8. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi l-i*Standing Orders* neċessarji għall-ħidma tagħha sakemm dawn ikunu konformi mal-provvedimenti ta' dan l-iStatut. L-i*Standing Orders* jitqiesu li huma promulgati meta jiġu approvati bil-maġġoranza tal-voti preżenti u ffirmati mill-Kummissarju u l-Koordinatur u jistgħu jiġu emendati biss mill-istess Kummissjoni b'deċiżjoni tal-maġġoranza tal-voti preżenti.

25.9. Il-Kummissjoni għandha, bil-għan li tiffaċilita' il-ħidma għat-twettiq tal-għanijiet tagħha, tappunta kumitati *ad hoc* għal proġetti, rapporti jew kwistjonijiet speċifiċi.

25.10. Il-Kummissjoni għandha dmir li taċċerta li jinżammu l-*policies* aġġornati dwar il-materji segwenti:

25.10.1. Opportunitajiet Indaqs;

25.10.2. Politika Ambjentali u Żvilupp Sostenibli;

25.10.3. Affarijiet Ekonomiċi.

25.11. Il-Kummissjoni għandha taħtar sedja tal-kumitati imwaqqfa' minnha, liema sedja tkun responsabbli, fost affarijiet oħra li tlaqqa' l-kumitat u li żżomm il-Kummissjoni aġġornata dwar il-ħidma tal-kumitat billi, fost affarijiet oħra, tattendi l-laqgħat tal-Kummissjoni u tissottometti rapporti lill-Kummissjoni meta dawn jintalbu mill-istess Kummissjoni. Kull deċiżjoni, rapport, jew ħidma oħra finali ta' kumitat *ad hoc* ma tkunx uffiċjali u valida mingħajr ir-ratifika tal-Kummissjoni.

## 26. ***Ħatra tal-Kummissarju***

26.1. Fl-ewwel (1) laqgħa tal-Kummissjoni Politika Soċjali li ssir wara l-elezzjonijiet għall-Eżekuttiv tal-KSU, liema laqgħa għandha ssir sa mhux aktar tard minn ġimgħatejn wara l-istess elezzjonijiet, għandha tiġi nnominata persuna sabiex isservi fil-kariga ta' Kummissarju Politika Soċjali. Kull għaqda fil-Kummissjoni għandha dritt li tinnomina mhux iktar minn kandidat wieħed (1).

26.2. Il-persuni nominati jistgħu jkunu minn fost il-membri tal-għaqdiet kollha u mhux neċessarjament membri tal-eżekuttivi jew kumitati tagħhom.

26.3. L-elezzjoni għall-Kummissarju ssir permezz ta' vot sigriet u l-Kummissarju jiġi elett bil-maġġoranza tal-voti preżenti.

26.4. Għall-finjiet ta' din l-elezzjoni, il-President elett, jew fl-assenza tiegħu s-Segretarju Ġenerali elett tal-Eżekuttiv tal-KSU għandu d-dritt tal-vot minflok il-President uxxenti minkejja li l-elezzjoni issir waqt il-perjodu ta' transizzjoni.

26.5. F'każ ta' iktar minn żewġ (2) kandidati, jekk ħadd ma jġib iktar mill-maġġoranza tal-voti preżenti, terġa' issir elezzjoni bejn dawk iż-żewġ kandidati li jkunu kisbu l-iktar voti.

26.6. Kull persuna eletta f'din il-kariga ma tibqax tirrappreżenta lill-għaqda speċifika u l-għaqda li tkun innominata ma tistax terġa tinnominha bħala rappreżentant tagħha fil-Kummissjoni.

26.7. Il-Kummissarju elett jibqa' tali bħall-bqija tal-Eżekuttiv sa l-ewwel (1) ta' Ġunju. Fil-perjodu ta' transizzjoni bejn Marzu u Ġunju, ir-responsabbilitajiet tal-Kummissarju jibqgħu jitħaddmu mill-Kummissarju uxxenti. Nhar l-ewwel (1) ta' Ġunju, il-Kummissarju elett jieħu l-kariga mal-bqija tal-Eżekuttiv.

## 27. ***Dmirijiet tal-Kummissarju u l-Koordinatur Politika Soċjali***

27.1. Il-Kummissarju u l-Koordinatur b'konsultazzjoni mal-Uffiċċju Internazzjonali u l-Kummissjoni Edukazzjoni huma responsabbli b'mod konġunt għad-dmirjiet tal-Kummissjoni għat-twettiq tad-dmirijiet tal-istess Kummissjoni kif elenkati, u għall-eżekuzzjoni tal-proġetti tal-Kummissjoni fl-Eżekuttiv tal-KSU. Huma wkoll

responsabbli b'mod konġunt sabiex iżommu lill-Eżekuttiv infurmat bil-ħidma tagħhom u tal-Kummissjoni.

27.2. Il-Kummissarju u l-Koordinatur għandhom jippreparaw pjan ta' ħidma għall-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-għaqdiet membri tal-KPS.

27.3. Il-Kummissarju jkun responsabbli direttament għat-tfassil u n-notifika tal-aġenda għal-laqgħat, bħala sedja tal-istess laqgħat, u tal-korrispondenza f'isem il-Kummissjoni.

27.4. Il-Koordinatur ikun responsabbli direttament għall-eżekuzzjoni ta' programmi u proġetti tal-Kummissjoni. Hu responsabbli wkoll għaż-żamma tal-minuti tal-Kummissjoni bil-mod stipulat fl-Appendiċi ta' dan l-iStatut fir-rigward tal-minuti tal-Laqgħa Ġenerali. Huwa responsabbli wkoll għall-koordinazzjoni tal-ġbir tal-informazzjoni u r-regolamenti neċessarji. Fl-aħħar ġimgħatejn tal-mandat tiegħu, il-Koordinatur uxxenti għandu jibgħat kopja tad-dokumenti validi u aġġornati kollha li ġew approvati mill-Kummissjoni lill-membri tal-Kummissjoni.

27.5. Il-Koordinatur għandu l-obbligu li jattendi l-laqghat tal-Kummissjoni mingħajr id-dritt tal-vot.

27.6. Il-Kummissjoni għandha tiltaqa' mhux inqas minn darba kull xahar.

27.7. Laqgħa tal-Kummissjoni tista' tissejjaħ ukoll minn ħames (5) għaqdiet differenti li huma membri tal-Kummissjoni billi dawn jagħmlu talba bil-miktub lill-Kummissarju, b'dan il-għan.

27.8. F'każ li ssir din it-talba, għandha tinkludi r-raġunijiet għalfejn qed tissejjaħ il-laqgħa.

27.9. F'każ li ssir din it-talba, il-Kummissarju għandu jsejjaħ laqgħa tal-Kummissjoni għal data mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem mid-data tat-talba.

27.10. Fejn il-Kummissarju jonqos milli jwettaq dmiru kif spjegat, dawk il-membri li għamlu t-talba għandhom id-dritt li javżaw lill-membri kollha bl-aħjar mezz possibli u jsejħu laqgħa huma f'post, ħin u data determinati minnhom. Dan id-dritt jibda wara li jkunu għaddew għaxart (10) ijiem utli mill-ġurnata li tkun saret it-talba.

27.11. Il-Koordinatur hu responsabbli li joffri assistenza lill-membri ta' għaqdiet studenteski f'dak li jirrigwarda l-funzjoni u l-istrutturi neċessarji għall-organizzazzjoni sabiex dawn ikunu jistgħu jsiru membri tal-Kummissjoni.

# UFFIĊJI TAL-KSU

## Uffiċju Kultura u Divertiment

### *28. Deskrizzjoni, Kompetenzi u Dmirijiet*

28.1. L-Uffiċju Kultura u Divertiment għandu r-responsabbilita' li jikkoordina l-attivitajiet u l-inizzjattivi tal-Eżekuttiv u l-Kummissjonijiet l-oħra fil-kamp tal-Kultura u d-Divertiment. L-Uffiċjal u l-Koordinatur għandhom għaldaqstant:

28.1.1. Ifasslu pjan t'attivitajiet li jistgħu jsiru u jippreżentawh għall-approvazzjoni tal-Eżekuttiv. Dan il-pjan għandu jinkludi i*Students' Festival* u attivitajiet kulturali;

28.1.2. Jinkoraġixxu lill-istudenti biex jipparteċipaw iktar fil-ħajja Universitarja extra-kurrikulari billi jħaddmu l-pjan tal-attivitajiet u billi jassistu lill-għaqdiet studenteski u entitajiet universitarji u mhux f'attivitajiet li dawn jistgħu jorganizzaw;

28.1.3. Jippromwovu l kultura u l-isports fuq livell nazzjonali fost il-Membri;

28.1.4. Jieħdu kull inizzjattiva, jorganizzaw kull attivita' u joħolqu kull proġett ieħor li jidrilhom li jaqa' taħt l-isfera tal-kultura u d-divertiment.

28.1.5. L-events forum ghandu jigi organizzat ta' l-inqas darba kull semestru.

28.1.6. Li, mill-inqas darba kull xahrejn (2) isejjħu il-laqgħa tas-Sottokumitat tal-Kultura.

### 29. *Formazzjoni tal-Uffiċju Kultura u Divertiment*

29.1. L-Uffiċjal u l-Koordinatur huma eletti direttament mill-istudenti u għandhom id-dmir li jidentifikaw numru ta' persuni biex jiffurmaw kumitati għal kull attivita' li taqa' taħt dan id-dipartiment. Dawn il-kumitati jservi għat-twettiq tal-kompetenzi u d-dmirijiet kif elenkati f'dan l-iStatut.

## Uffiċju Internazzjonali

### *30. Deskrizzjoni, Kompetenzi u Dmirijiet*

30.1. L-Uffiċju Internazzjonali huwa kkoordinat mill-Uffiċjal Internazzjonali u l-Koordinatur Internazzjonali b'mod konġunt, li huma eletti direttament mill-istudenti u li għandhom ifasslu l-politika internazzjonali tal-Kunsill fuq il-bażi tal-ħidma politika tal-Kummissjoni Edukazzjoni u l-Kummissjoni Politika Soċjali. L-Uffiċjal u l-Koordinatur Internazzjonali b'mod konġunt, huma responsabbli għar-rappreżentanza internazzjonali tal-KSU. Huma wkoll responsabbli mal-Kummissarji u l-Koordinaturi tal-Kummissjoni Edukazzjoni u l-Kummissjoni Politika Soċjali, skond in-natura tal-każ, għall-bżonnijiet tal-istudenti barranin fl-Universita' ta' Malta u għandhom jagħmlu sforz biex jinvolvu l-istess studenti barranin.

30.2. Għal dawn l-għanijiet, l-Uffiċjal u l-Koordinatur Internazzjonali għandhom:

30.2.1. B'konsultazzjoni u approvazzjoni tal-Kummissjonijiet (il-Kummissjoni Edukazzjoni u l-Kummissjoni Politika Soċjali), ifasslu l-posizzjoni tal-KSU dwar kwistjonijiet ta' politika internazzjonali;

30.2.2. Jirrappreżentaw lill-KSU f'konferenzi u laqgħat nazzjonali u internazzjonali li għandhom x'jaqsmu mal-politika internazzjonali tal-KSU;

30.2.3. Jiġbru informazzjoni relatata mal-politika internazzjonali għall-użu tal-Kummissjonijiet;

30.2.4. Joħolqu kampanji, proġetti u dibattiti sabiex jippromwovu l-politika internazzjonali tal-KSU;

30.2.5. Jaraw li l-KSU jkun irrappreżentat adegwatament fl-istrutturi universitarji, nazzjonali u internazzjonali li b'xi mod jew ieħor jaffettwaw id-dimensjoni internazzjonali tal-ħajja studenteska;

30.2.6. Iżommu kuntatt ma' għaqdiet universitarji u nazzjonali li għandhom element internazzjonali kif ukoll jikkoodinaw mal-istess għaqdiet f'avvenimenti u proġetti ta' natura internazzjonali;

30.2.7. Joħolqu kampanji ta' għarfien fuq l-iskambji u opportunitajiet oħra internazzjonali li jistgħu jibbenefikaw minnhom l-istudenti universitarji;

30.2.8. Iżommu ruħhom aġġornati mal-iżviluppi ta' kooperazzjoni internazzjonali bejn istituzzjonijiet ta' Edukazzjoni Ogħla;

30.2.9. Ikunu responsabbli li jgħinu fil-bżonnijiet tal-istudenti barranin fl-Universita' ta' Malta;

30.2.10. Li, permezz ta' koordinazzjoni u konsultazzjoni mal-Uffiċju Internazzjonali fi ħdan l-Universita' ta' Malta, jaħdmu sabiex is-servizzi offruti minn dan l-Uffiċċju jkunu ta' kwalita' għolja;

30.2.11. Jikkontribwixxu bil-għan li jsaħħu l-isħubija tal-KSU fi ħdan l-ESU (*European Students' Union*) u il-MEDNET (*Mediterranean Newtork of Student Representatives*) kif ukoll jaħdmu sabiex jidentifikaw u jissuġġerixxu għaqdiet internazzjonali oħrajn li jistgħu ikunu rilevanti għall-ħidma tal-KSU.

### 31. ***Uffiċjal Internazzjonali u l-Koordinatur Internazzjonali***

31.1. Għall-fini tal-qadi tad-dmirijiet tiegħu, l-Uffiċjal u l-Koordinatur Internazzjonali b'mod konġunt jistgħu:

31.1.1. Jinnominaw persuni oħra sabiex jirrappreżentaw lill-KSU f'konferenzi jew laqgħat internazzjonali;

31.1.2. Fi kwistjonijiet ta' rappreżentanza f'dawn il-konferenzi jew laqgħat, l-Uffiċjal u l-Koordinatur Internazzjonali għandhom jaċċertaw ruħhom li l-KSU jkun irrappreżentat mill-iktar persuna kompetenti skond it-tema tal-konferenza jew laqgħa in kwistjoni;

31.1.3. Joħolqu kumitati ta' koordinazzjoni għall-avvenimenti u l-attivitajiet li jistgħu jiġu organizzati.

## PRESIDENT U SEGRETARJAT AMMINISTRATTIV

### 32. ***Rappreżentanza legali***

32.1. Ir-rappreżentanza tal-KSU f'kull transizzjoni u azzjoni legali taqa' taħt il-President u l-Uffċjal Finanzjarju b'mod konġunt sakemm l-Eżekuttiv ma jiddeterminax xorta oħra għal transazzjonijiet individwali jew għat-terminu tal-Eżekuttiv.

## **President**

### 33. ***Deskrizzjoni, Kompetenzi u Dmirijiet***

33.1. Il-President hu s-Sedja tal-Eżekuttiv. Hu għandu l-ħidma tal-membri l-oħra kollha u jikkonsultahom fi ħwejjeġ li jaqgħu taħt il-kompetenzi tagħhom. Il-President hu l-kelliem prinċipali tal-Eżekuttiv u jirrappreżenta t-totalita' tal-organi rappreżentattivi tal-KSU u għandu jaġixxi bħala tali.

33.2. Il-President jirrappreżenta lill-Eżekuttiv elett fi ħdan il-Kummissjonijiet stabbiliti b'dan l-iStatut. Huwa membru *ex officio* ta' kull struttura fi ħdan il-KSU u dejjem għandu d-dritt tal-vot.

33.3. Fost kompetenzi u dmirijiet oħra, l-President għandu:

33.3.1. Jassigura li l-politika globali tal-KSU tkun koerenti u jżomm il-prinċipju ta' kontinwita' bħala bażi għal din il-konsiderazzjoni;

33.3.2. Iżomm kuntatt kontinwu mal-partijiet kollha tal-Eżekuttiv u għandu jkun konxju dwar l-iżviluppi f'kull sfera t'attivita' tal-KSU;

33.3.3. Jikkoordina l-amministrazzjoni tal-KSU bil-għajnuna tal-Viċi President u tas-Segretarju Ġenerali kif hemm bżonn fid-diskrezzjoni assoluta tiegħu;

33.3.4. Li jżomm kuntatt kontinwu mar-rappreżentanti tal-NSTF.

33.3.5. Li, flimkien mal-'iStudent House Liason Committee', jikkoordina u jieħu ħsieb il-kera ta' kmamar lill-entitajiet kummerċjali fi ħdan Dar l-Istudent. Dan għandu jsir ukoll b'konsultazzjoni mal-Uffiċjal Finanzjarju.

33.3.6. Li, jassigura li kull fejn hu possibbli, l-agir tal-KSU ghandu jimxi mal-ghan li tigi promossa s-sostenibilita' ambjentali li jinkludi modi alternattivi ta' trasport, tnaqqis ta' skart, zvilupp sostenibbli kif ukoll dak kollu li l-Ezekuttiv jara li huma relevanti ghal dan l-ghan.

## **Viċi President**

### 34. ***Deskrizzjoni, Kompetenzi u Dmirijiet***

34.1. Il-Viċi President hu elett direttament mill-Membri u huwa responsabbli, taħt id-direzzjoni tal-President, li jassisti lill-President fil-koordinazzjoni tal-ħidma tal-

Eżekuttiv kollu. Id-dmirijiet tal-Viċi President huma:

34.1.1. Li f'każ ta' vakanza tal-President jassumi wkoll l-irwol ta' President, bid-dmirijiet u l-kompetenzi tal-istess President sakemm jirritorna jew jiġi elett;

34.1.2. Li jikkoordina l-obbligu tal-Eżekuttiv skond l-Artikolu 13 ta' dan l-iStatut. Għalhekk għandu:

34.1.2.1. Jassigura li l-Eżekuttiv fassal Pjan ta' Ħidma u Pjan Finanzjarju ('il-Pjan') għat-tul tal-mandat ta' dak l-Eżekuttiv;

34.1.2.2. Jara li l-Pjan jiġi aġġornat minn żmien għal żmien;

34.1.2.3. Flimkien mal-Uffiċjal Finanzjarju jagħmel eżerċizzju regolari ta' kontroll intern mal-membri kollha tal-Eżekuttiv sabiex jaċċertaw rwieħhom li l-Eżekuttiv qiegħed iżomm kemm jista' jkun mal-Pjan u fejn hemm bżonn isiru emendi skond l-eżigenzi tal-KSU u tal-Eżekuttiv u fl-aħjar interess tal-Membri bil-għan li jkun hemm ippjanar fittul għall-użu sostenibbli tar-riżorsi, assi u introitu tal-KSU.

34.2. Li jikkoordina r-relazzjonijiet mal-isħab kummerċjali tal-KSU. Dan għandu jsir b'konsultazzjoni mal-Uffiċjal Finanzjarju.

34.3. Li jfittex u jsostni *short-term* u *long-term sponsorship agreements* u li jżomm kuntatt kontinwu mar-rappreżentanti ta' dawn l-entitajiet. Dan għandu jsir b'konsultazzjoni mal-Uffiċjal Finanzjarju.

34.4. Li jżomm kuntatt kontinwu ma' terzi persuni u entitajiet ta' natura kummerċjali li għandhom relazzjonijiet mal-KSU.

34.5. Li jżomm kuntatt kontinwu mar-rappreżentanti u d-diriġenti tal-NSTS u li jikkoordina r-relazzjonijiet tal-KSU mal-NSTS.

34.6. Li jiehu hsieb u jikkordina kull tip ta' bejgh ta' prodotti u servizzi promozzjonali li l-KSU joffri.

34.7. Li jorganizza l-*Freshers' Week* flimkien mal-membri ohra tal-Ezekuttiv.

34.8. Li jorganizza *attivitajiet bejn l-ghaqdiet studenteski ta' ġbir ta' fondi ghall-karita' fi żmien il-Milied flimkien mal-membri l-ohra tal-Ezekuttiv.*

## Segretarjat Amministrattiv

### *35. Segretarju Ġenerali*

35.1. Is-Segretarju Ġenerali li hu elett direttament mill-iStudenti, huwa responsabbli għall-organizazzjoni u l-amministrazzjoni interna tal-Eżekuttiv. Id-dmirijiet prinċipali tas-Segretarju Ġenerali huma:

35.1.1. Li jgħin lill-President fl-ikkoordinar tat-twettiq tad-deċiżjonijiet meħuda mill-Eżekuttiv;

35.1.2. Li flimkien mal-Uffiċjal Finanzjarju u b'kollaborazzjoni mal-Kummissjonijiet u l-Uffiċji tal-KSU jieħu ħsieb l-ibbukkjar u l-użu ta' faċilitajiet varji offruti mill-KSU bħal ma' huma l-*Boardroom*, l-użu tal-Foyer, il- Junior Common Room, il-Wellbeing Centre etc, u attivitajiet fl-Atriju Mikiel Anton Vassalli.

35.1.3. Li jikkoordina l-amministrazzjoni tal-KSU u b'mod speċjali tal-propjeta' tal-KSU, l-Uffiċju tal-KSU u d-Dar tal-iStudenti fuq direttivi tal-Eżekuttiv;

35.1.4. Li jieħu ħsieb il-kuntatti legali u amministrattivi mal-awtoritajiet relevanti;

35.1.5. Li flimkien mal-President jikkoordina l-korrispondenza tal-Eżekuttiv;

35.1.6. Li jikkoordina s-sistemi ta' żamma ta' informazzjoni u filing tal-Eżekuttiv u jieħu ħsieb l-arkivji tal-Kunsill;

35.1.7. Li jkun responsabbli għaż-żamma ta' uffiċju effiċjeni u nadif, u flimkien mal-President ifassal programm tal-użu tal-uffiċju u jassigura li jkunu aċċessibli għal kull student;

35.1.8. Li flimkien mal-Kummissarju u l-Koordinatur tal-Kummissjoni Politika Soċjali jirregola l-amministrazzjoni tal-uffiċji ta' Dar l-Istudenti allokati lill-għaqdiet studenteski a bażi ta' kriterji approvati mill-KPS;

35.1.9. Li jżomm kuntatt kontinwu mad-dirigenti tal-NSTF u jikkoordina r-relazzjonijiet tal-KSU mal-NSTF;

35.1.10. Li fejn il-President (jew fl-assenza tiegħu l-Viċi President skond l-Artikolu 34.1.1.) fid-diskrezzjoni tiegħu hekk jitlob, jirrappreżenta lill-Eżekuttiv fi ħdan il-Kummissjonijiet stabbiliti b'dan l-iStatut, fi strutturi oħra fi ħdan il-KSU u/jew f'fora oħra fejn il-KSU għandu rappreżentanza bħalma huma l-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ (KNŻ) u n-*National Commission for Higher Education* (NCHE). F'dawn il-każijiet is-Segretarju Ġenerali, bħala rappreżentant tal-Eżekuttiv, jkollu

d-dritt tal-vot tal-KSU fi ħdan dawn l-istrutturi u għandu jivvota skond id-direttivi tal-Eżekuttiv.

35.1.11. Li jżomm kuntatt kontinwu ma' entitajiet amministrattivi tal-Universita' fost l-ohrajn il-Fond tar-ricerka (RIDT) u li jikkordina r-relazzjonijiet tal-KSU ma' dawn l-entitajiet.

35.1.12. Li, mill-inqas darba fi tlett (3) xhur isejjaħ il-laqgħa tal-Forum Amministrattiv.

35.2. Bħala parti mill-ħidma amministrattiv is-Segretarju Ġenerali huwa mitlub:

35.2.1. Li jara li l-Eżekuttiv elett joħroġ *Standing Orders* waqt l-ewwel (1) laqgħa tiegħu skond dan l-iStatut;

35.2.2. Li jfassal l-aġenda u jsejjaħ il-laqgħat tal-Eżekuttiv;

35.2.3. Li jżomm il-minuti tal-laqgħat tal-Eżekuttiv bil-mod stipulat fl-Appendiċi ta' dan l-iStatut fir-rigward tal-minuti tal-Laqgħa Ġenerali u jiġbor, iqassar u jqassam kull informazzjoni relevanti lill-membri kollha tal-Eżekuttiv;

35.2.4. Li jzomm korrispondenza ma' istituzzjonijiet oħra f'dak li jikkonċerna l-amministrazzjoni tal-KSU;

35.2.5. Li jħejji Rapport Amministrattiv sabiex jingħaqad mar-Rapport Annwali tal-Eżekuttiv;

35.2.6. Li jgħin lill-President fl-ikkoordinar tat-twettiq tad-deċiżjonijiet amministrattivi meħuda mill-Eżekuttiv;

35.2.7. Li minn ħin għal ħin jaċċerta li l-Eżekuttiv qiegħed jimxi skond il-provvedimenti ta' dan l-iStatut u skond l-i*Standing Orders* u fejn hemm bżonn, jew fejn hemm nuqqasijiet, għandu jinforma lill-Eżekuttiv sabiex l-Eżekuttiv jirregola ruħu kif hemm bżonn.

## 36. ***L-Uffiċjal Finanzjarju***

36.1. L-Uffiċjal Finanzjarju hu elett direttament mill-istudenti u jikkoordina l-attivita' finanzjarja kollha tal-KSU, skond il-pjanijiet ta' ħidma tal-Eżekuttiv. L-Uffiċjal Finanzjarju jkun responsabbli fost l-oħrajn:

36.1.1. Bħala ko-firmatarju mal-President għal kull relazzjoni kuntrattwali;

36.1.2. Għaż-żamma tal-kotba li juru t-transazzjonijiet finanzjarji, għaż-żamma ta' inventarju u assi fissi tal-KSU. Bl-ebda mod u fl-ebda ċirkostanza m'għandha titwaqqaf iż-żamma tal-kotba finanzjarji għal iktar minn tlett (3) ġimgħat konsekuttivi;

36.1.3. Li jfittex il-long-term sponsorship agreements u li jżomm kuntatt kontinwu mar-rappreżentanti ta' dawn l-entitajiet;

36.1.4. Biex jassigura li kull impenn u attivita' tal-KSU ma tkunx ta' piż finanzjarju żejjed fuq il-Kunsill u li jkun sar il-budgeting adegwat għal kull attivita';

36.1.5. Biex f'każ li nfiq jammoonta l'fuq minn sitt mitt (600) ewro għall-istess attivita', jkun hemm bżonn ta'vot mill-Eżekuttiv (b'maġġoranza sempliċi);

36.1.6. Biex iħejji Rapport Finanzjarju għall-Laqgħa Ġenerali Annwali, liema rapport ikun jinkludi l-kontijiet awditjati tal-Kunsill għall-perjodu mill-ewwel (1) ta' Jannar sal-wieħed u tletin (31) ta' Diċembru tas-sena li tkun għadha kemm għaqlet, kif ukoll interim accounts mill-ewwel (1) ta' Jannar sa' ġimgħatejn qabel il-Laqgħa Ġenerali Annwali;

36.1.7. Biex iħejji management accounts kull tlett (3) xhur;

36.1.8. Għat-tfassil u ż-żamma ta' sistema adegwata ta' finanzi mibnija fuq il-prinċipju ta' kontinwita' tal-Eżekuttiv;

36.1.9. Jieħu ħsieb is-servizz tal-kiri tat-togi;

36.1.10. Biex iżomm kuntatt kontinwu mal-kumpaniji li il-Kunsill għandu maġġoranza ta' isħma fihom;

36.1.11. Biex jaċċerta li transazzjonijiet ta' 'l fuq minn elfejn (2000) ewro jiġu ssostanzjati b'kuntratt formali;

36.1.12. Biex iżomm inventarju dettaljat tal-assi fissi;

36.1.13. Li jieħu ħsieb li ammont sostanzjali tas-surplus ta' matul is-sena li jmur lil hinn mill-bżonnijiet immedjati tal-KSU jiġi investit f'assi finanzjarji. Ir-riskju tal-investiment għandu jiġi ddiversifikat u limitat. Għaldaqstant, l-Uffiċjal Finanzjarju għandu jħejji rapport b'assistenza minn espert finanzjarju. Dan ir-rapport għandu jiggwida lill-Kunisll fuq deċiżjoni tal-investiment finanzjarju saibex jiżdied il-ġid u l-introjtu tal-KSU fuq medda twila ta' żmien.

## 37. ***L-Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi***

37.1. L-Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi hu elett direttament mill-istudenti u jikkoordina r-relazzjonijiet pubbliċi kollha tal-KSU skond il-pjanijiet ta' ħidma tal-Eżekuttiv.

37.2. L-Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi jkun responsabbli fost l-oħrajn:

37.2.1. Li jaġġorna u jimxi mal-*branding guidelines* tal-Kunsill kif approvati mill-Eżekuttiv;

37.2.2. Li jifformula strateġija ta' kif il-Kunsill ser iwassal il-messaġġ u l-politika tiegħu lill-istudenti kif ukoll lill-pubbliku in ġenerali;

37.2.3. Li b'mod speċjali jinkludi f'din l-istrateġija l-*Junior College*, u kwalunke' istituzzjoni oħra li minn ħin għal ħin tiġi uffiċjalment reġistrata bħala parti mill-Universita' ta' Malta.

37.2.4. Li jikkoordina r-relazzjonijiet mal-mezzi tax-xandir;

37.2.5. Li skond iċ-ċirkustanzi jieħu ħsieb jirreklama kull attivita', kull pożizzjoni tal-Kummissjonijiet, kif ukoll kull servizz jew opportunita' li l-Kunsill joffri lill-istudent;

37.2.6. Li jikkoordina l-publikazzjonijiet tal-Kunsill u li jara li jkun hemm pubblikazzjonijiet regolari sabiex l-istudent jinżamm konxju tax-xogħol li jkun qiegħed jagħmel il-Kunsill'

37.2.7. Li jagħti importanza u jżomm aġġornat il-websajt tal-Kunsill;

37.2.8. Li bl-approvazzjoni tal-Eżekuttiv, jaħtar *media team* biex jgħinu fil-ħidma tiegħu;

37.2.9. Li jżomm lill-Eżekuttiv konxju tal-opinjoni tal-istudent fuq il-Kunsill;

37.2.10. Li jfassal *policy* miktub li jispega fiċ-ċar kif, meta u min jista' jużа t-*trademark* u l-propjeta' intellettwali tal-KSU u jassigura li l-*policy* hekk imfassal jiġi segwit u implimentat.

## BORD TAD-DIXXIPLINA U BORD TAL-APPELL

38. Għall-fini ta' din il-Parti (VIII) Membri jinkludu wkoll għaqdiet studenteski kif definit fi Klawsola 24.

## 39. ***Deskrizzjoni, Kompetenzi u Dmirijiet tal-Bord tad-Dixxiplina u tal-Bord tal-Appell***

39.1. (A) Id-dmir tal-Bord tad-Dixxiplina hu li jara li l-iStatut qiegħed jiġi osservat u li l-membri tal-Eżekuttiv qegħdin jaqdu d-dmirijiet statutorji tagħhom. Il-Bord jirregola l-aġir tal-individwi membri fi kwalunkwe' struttura fil-KSU u tal-istudenti membri kollha u dan billi jikkunsidra wkoll il-proviżjonijiet ta' dawn li ġejjin fl-ordni segwenti:

39.1.1. Dan l-iStatut u l-Appendiċi annessi miegħu;

39.1.2. Id-deċiżjonijiet tal-Laqgħa Ġenerali.

39.2. (B) Il-Bord tal-Appell ikollu l-poter li jisma' u jiddeċiedi kull appell mill-Bord tad-Dixxiplina.

39.3. Il-Bord tad-Dixxiplina jkollu dawn il-poteri:

39.3.1. Fejn jiġi mitlub jew jara fid-diskrezzjoni tiegħu li hemm kwistjoni jew problema, inkluż ta' interpretazzjoni, għandu l-obbligu li:

39.3.1.1. Jinvestiga u janalizza l-kwistjoni jew problema;

39.3.1.2. Jagħti interpretazzjoni li għandha tapplika sakemm din l-interpretazzjoni ma tiġix mibdula jew emendata permezz ta' deċiżjoni tal-Bord tal-Appell skond dan l-iStatut jew minn Laqgħa Ġenerali permezz ta'vot ta' żewġ terzi (⅔) mill-Membri preżenti.

39.3.2. Fejn jiġi mitlub, jew fid-diskrezzjoni tal-Bord jara l-bżonn, jista' joħroġ b'opinjonijiet ġenerali kif ukoll/jew rakkomandazzjonijiet fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-iStatut u l-Appendiċi tiegħu u tad-deċiżjonijiet tiegħu stess:

39.3.2.1. Andament ġenerali tal-Eżekuttiv;

39.3.2.2. L-aġir tal-membri tal-Eżekuttiv;

39.3.2.3. Kwistjonijiet dwar membru jew membri tal-KSU.

39.3.3. Li jieħu waħda jew aktar minn dawn il-miżuri:

39.3.3.1. Li jikkundanna jew iwissi lill-Membru li jinstab ħati ta' ksur ta' regolamenti tal-KSU;

39.3.3.2. Li jissospendi għal żmien definit lill-Membru milli jattendi laqgħat fl-organi jew kumitati tal-KSU fejn hu jkun nominat jew elett;

39.3.3.3. Li jissospendi jew jittermina il-mandat ta' membru tal-Eżekuttiv jekk il-kariga

tal-istess membru tkun waħda mogħtija permezz ta' disposizzjonijiet ta' dan l-iStatut;

39.3.3.4. Li jissospendi għal żmien definit jew jittermina lill-Membru l-benefiċċju jew parteċipazzjoni fl-istrutturi tal-KSU, inkluż id-dritt li jivvota jew jikkontesta fi kwalunkwe' elezzjoni li ssir taħt dan l-iStatut. Dan li l-ebda deċiżjoni li tittieħed skond dan is-subartiklu m'għandha tittieħed biex tfisser li l-istudent m'għandux dritt li l-KSU jirrappreżenta l-ilmenti akkademiċi tiegħu quddiem awtoritajiet kompetenti;

39.3.3.5. Li jordna lill-Eżekuttiv u/jew uffiċjal sabiex jieħdu azzjoni skond dan l-iStatut u/jew li jieqfu milli jieħdu azzjoni fejn l-azzjoni tmur kontra dan l-iStatut.

## 40. ***Komposizzjoni tal-Bord tad-Dixxiplina u l-Bord tal-Appell***

40.1. Il-Laqgħa Ġenerali Annwali taħtar lill-Membri tal-organi segwenti:

40.1.1. Il-Bord tad-Dixxiplina li hu kompost minn ħames (5) membri li waqt l-ewwel (1) laqgħa tagħhom jaħtru *Chairperson* u Segretarju minn fosthom;

40.1.2. Il-Bord tal-Appell li hu magħmul minn tlett (3) membri u li għandhom jaħtru *Chairperson* minn fosthom.

40.2. Il-Laqgħa Ġenerali Annwali għandha taħtar ukoll żewġ (2) membri ta' riserva għall-Bord tad-Dixxiplina u membru wieħed (1) ta' riserva għall-Bord tal-Appell.

40.3. L-ebda persuna ma tista tkun membru fil-Bord tad-Dixxiplina u l-Bord tal-Appell fl-istess terminu, anke bħala riserva.

40.4. L-ewwel (1) laqgħa ta' kull Bord għandha issir fi żmien ta' mhux iktar minn tlett (3) ġimgħat wara l-ħatra tal-Bord.

## ***41. Bidu tal-Proċedura tal-Bord tad-Dixxiplina u tal-Appell***

41.1. Tippublika l-informazzjoni li ser isiru l-elezzjonijiet u lista ta' karigi li għalihom qed issir elezzjoni, bl-ismijiewt tal-kandidati għall-kariga rispettiva, f'kull bini hekk kif jiġi deċiż mill-Kummissjoni Elettorali.

41.2. Il-proċedura ta' dixxiplina tinbeda billi student jew Membru jikteb ittra b'isem il-Membru li kontrih qed jagħmel l-akkuża, ir-raġunijiet għalfejn jidhirlu li għandhom jittieħdu passi dixxiplinarji kontra l-persuna indikata minnu inkluż l-artiklu/i tal-

iStatut li jidhirlu li inkiser/ru, u jelenka l-provi li jista' jressaq biex japprova l-allegazzjoni tiegħu inkluż lista ta' xhieda, lis-Segretarju tal-Bord tad-Dixxiplina.

41.3. Is-Segretarju għandu jsejjaħ laqgħa fi żmien jumejn (2) mill-jum ta' meta irċieva l-ittra u għandu jlaqqa' l-Bord tad-Dixxiplina mhux aktar tard minn tmint (8) ijiem wara li jkun irċieva l-ittra.

41.4. Il-Bord tad-Dixxiplina għandu jiddeċiedi jekk hemmx każ *prima facie* jew le skond l-informazzjoni u d-dettalji fl-ittra u jekk hemm bżonn billi jisma' fil-qasir lill-istudent jew membru li jkun kiteb l-ittra.

41.5. Il-Bord jista' ma jaċċettax l-ittra imsemmija fl-artiklu preċedenti jekk ma jkunx fiha l-elementi elenkati f'dan l-Artiklu. Fejn il-Bord jiddeċiedi li m'hemmx każ, għandha tintbagħat ittra lill-persuna li kitbet l-ittra fejn tiġi innotifikata b'din id-deċiżjoni flimkien mar-raġunijiet għaliex m'hemmx każ. Fejn il-Bord jiddeċiedi li hemm possibilita' ta' każ, il-Bord għandu jinforma lill-istudent jew Membru li bagħat l-ittra u lill-Membru akkużat fejn il-Bord jistabbilixxi data u ħin sabiex jinstema l-każ, liema data u ħin għandhom jagħtu mill-inqas ħamest (5) ijiem utli lill-partijiet konċernati sabiex jippreparaw għas-smigħ tal-każ.

41.5.1. Fl-ittra li tintbagħat għas-smigħ tal-każ, is-Segretarju għandu jieħu ħsieb li jinkludi jew jehmeż:

41.5.2. Kopja tal-iStatut tal-KSU;

41.5.3. Kopja tal-ittra tal-akkuża;

41.5.4. Notifikazzjoni li l-partijiet għandhom id-dritt li jtellgħu xhieda u kull prova oħra li jista' jkollhom;

41.5.5. Jinfurmahom ukoll li għandhom id-dritt li jkunu megħjuna minn persuna/i oħra;

41.5.6. Twissija dwar il-kunfidenzjalita' tal-laqgħat tal-Bord.

41.6. Kull laqgħa tal-Bord għandha tiġi kkunsidrata bħala kunfidenzjali.

41.7. Kull deċiżjoni tal-Bord tad-Dixxiplina għandha tiġi ppublikata fuq noticeboard tal-KSU u notifikata tad-deċiżjoni b'ittra indirizzata lill-President tal-KSU.

## 42. ***Proċedura tal-Bord tad-Dixxiplina***

42.1.1. Il-membri tal-Bord huma marbuta bid-dmir tal-kunfidenzjalita'. Dawn għandhom jimxu b'imparzjalita' fil-qadi ta' dmirijiethom, skond il-prinċipji tal-ġustizzja naturali. Għaldaqstant:

42.1.2. L-ebda membru m'għandu jieħu sehem fi kwalunkwe' proċedura quddiem il-Bord jew fl-ebda deċiżjoni meta hu għandu interess dirett f'din il-proċedura jew deċiżjoni jew jekk hu innifsu qed jiġi akkużat quddiem il-Bord;

42.1.3. Il-Bord għandu jisma' kull parti li għandha interess f'xi proċedura quddiem il-Bord;

42.1.4. Min iressaq allegazzjoni quddiem il-Bord kontra persuni oħra għandu d-dmir li japprova din l-allegazzjoni, fil-fatt u fid-dritt;

42.1.5. L-akkużat għandu jkun preżunt innoċenti sakemm il-kontra ikun ippruvat;

42.1.6. Il-Bord m'għandux iħalli proċedura għaddejja quddiemu fejn hu ċar li l-materja in kawża ma taqax taħt il-kompetenzi tiegħu u għaldaqstant għandu jirreferi l-każ lill-Bord jew awtorita/jiet oħra kompetenti.

42.2. Ebda laqgħa tal-Bord tad-Dixxiplina ma tista' ssir mingħajr il-preżenza ta' mill-inqas tlieta (3) mill-membri tal-Bord. Kull deċiżjoni li tittieħed mill-Bord għandha tittieħed unanimament sakemm hu possibli. F'każ li ma jintlaħaqx dan il-kunsens, id-deċiżjoni tittieħed b'maġġoranza tal-membri preżenti.

42.3. Deċiżjonijiet tal-Bord tad-Dixxiplina għandhom isiru b'vot sigriet u l-ebda membru ma jista' jastjeni.

42.4. Smigħ tal-każ:

42.4.1. Meta jinfetaħ il-każ, is-Segretarju tal-Bord għandu jikteb lill-President tal-KSUbiex jinfurmah b'dan u bir-raġunijiet għalfejn infetaħ dan il-każ;

42.4.2. Ħlief f'każijiet li fihom il-President innifsu jkun qiegħed jiġi investigat, il-President jista' jitlob lill-Bord biex jissospendi l-investigazzjoni tal-każ għal żmien ta' mhux inqas minn ħamest (5) ijiem biex ikunu jistgħu jittieħdu l-passi meħtieġa biex l-inosservanza tal-iStatut tal-KSU tiġi irrimedjata;

42.4.3. F'każ li l-President jonqos milli jieħu azzjoni jew jekk il-Bord ma jkunx sodisfatt li r-rimedju jkun adegwat, il-Bord għandu jkompli bl-investigazzjoni tal-każ u jinforma bil-miktub lill-President tal-KSU b'dan;

42.4.4. Jekk il-Bord jidhirlu li l-azzjoni meħuda mill-President hija adegwata, il-każ jingħalaq u s-Segretarju jippreżenta Rapport iffirmat miċ-Chairperson u s-Segretarju lill-President;

42.4.5. Hekk kif il-Bord jiddeċiedi li jkompli bl-investigazzjoni tal-każ, is-Segretarju jrid jinforma bil-miktub lill-Membru li jista' jkun responsabbli tal-inosservanza tal-iStatut tal-KSU;

42.4.6. Il-każ għandu jinstema' fl-iqsar żmien possibli, iżda fir-rispett sħiħ tad-drittijiet ta' kull parti involuta fil-każ;

42.4.7. F'kull mument, il-Bord jista' jiddeċiedi li jirreferi l-każ jew il-Membru kkonċernat lill-i*Student Bord of Discipline* tal-Universita' u/jew lill-Pulizija ta' Malta fejn dan ikun meħtieġ jew mitlub mill-Liġi ta' Malta.

42.5. Biex ikun jista' jwettaq id-dmirijiet tiegħu skond l-iStatut tal-KSU, il-Bord għandu jkollu l-facilita' u l-liberta' li jagħmel kull investigazzjoni neċessarja. Għal dan il-għan, il-President tal-KSU għandu jiffaċilita' l-investigazzjoni tal-Bord billi jagħtih kull informazzjoni neċessarja inkluż aċċess għall-minuti tal-laqgħat tal-Eżekuttiv u l-Kummissjonijiet, u jgħin lill-Bord fl-investigazzjonijiet tiegħu.

42.6. Meta membru tal-KSU ma jikooperax mal-Bord tad-Dixxiplina kif imfisser fi-subartiklu preċedenti, jinfetaħ awtomatikament każ kontrih quddiem il-Bord tad-Dixxiplina.

42.7. Membru tal-KSU jista' jiġi sospiż mill-Bord milli jattendi laqgħat fejn ikun nominat jew elett u/jew jiġi sospiż milli jeżerċita funzjonijiet ta' kariga li jista' jkollu fil-KSU meta fl-opinjoni tal-maġġoranza tal-membri tal-Bord ikun fl-interess tal-investigazzjoni u/jew tas-smigħ tal-każ quddiem il-bord. Is-sospensjoni tapplika sa tmiem is-smigħ tal-każ. Is-Segretarju għandu jinforma bil-miktub b'din id-deċiżjoni lill-President tal-KSU fi żmien erbgħa u għoxrin (24) siegħa.

## 43. ***Proċedura tal-Bord tal-Appell***

43.1. F'każ t'appell għandha tissejjaħ laqgħa tal-Bord tal-Appell fi żmien tlett (3) ijiem utli minn meta membru tal-Bord jew iċ-Chairperson tal-Bord jirċievi ittra mibgħuta li titlob appell minn deċiżjoni tal-Bord tad-Dixxiplina. Waqt il-laqgħa tal-Bord tal-Appell, il-Bord jista' jerġa jisma' l-partijiet, xhieda u provi. Ir-regoli li jirregolaw

il-proċedura tal-Bord tad-Dixxiplina għandhom japplikaw għall-Bord tal-Appell ukoll.

43.2. Il-Bord tal-Appell jista':

43.2.1. Jiddeċiedi li jikkonferma d-deċiżjoni tal-Bord tad-Dixxiplina; jew

43.2.2. Li ma japplikax d-deċiżjoni tal-Bord tad-Dixxiplina; jew

43.2.3. Li jikkonferma parti minn u/jew ma japplikax parti mid-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell; u/jew

43.2.4. Jista' jvarja d-deċiżjoni u/jew il-piena (jew parti minnhom).

43.3. Il-Bord tal-Appell għandu ma kull deċiżjoni li jieħu, jippreżenta rapport bid-deċiżjoni u bir-raġunijiet kollha għad-deċiżjoni.

43.4. Il-Bord tal-Appell għandu, fejn jara li l-Bord tad-Dixxiplina m'għamilx id-dmirijiet tiegħu skond dan l-iStatut, jieħu f'idejh ir-responsabbilita' li jara li dak id-dmir iseħħ jew jattwa dak id-dmir hu skond l-iStatut.

## KODIĊI TAL-ETIKA

44. Kull membru f'kull ħin u f'kull kariga għandu josserva u jaġixxi skont il-provvedimenti tal-Kodiċi tal-Etika fl-Appendiċi B annessa ma' dan l-iStatut kif japplikaw lilu.

## STRUTTURI OĦRA

### *45. Sottokumitat fuq Reviżjonijiet tal-Eżekuttiv u Reviżjonijiet Statutorji:*

45.1. L-Eżekuttiv għandu jaħtar sottokumitat li jkun kompost minn alunni tal-Eżekuttivi tal-KSU ta mhux inqas minn erba' (4) persuni minn Eżekuttivi differenti u mhux iktar minn tmienja (8), sabiex jiddiskutu li jmiss:

*45.1.1.* Jikkunsidraw tnaqqis ta' karigi fl-Eżekuttiv jew rwoli tagħhom;

*45.1.2.* Jikkunsidraw il-holqien ta' strutturi u/jew sottokumitti ġodda li ghandhom jiġu introdotti bhala parti mill-istatut.

45.2. Dan is-sottokumitat għandu jaħtar Sedja. Dan is-sottokumitat għandu, permezz tal-Eżekuttiv tal-KSU jressaq mozzjoni fl-AGM li jmiss b'riżultat ta' dan; jew pożizzjoni fuq tali kunisderazzjonijiet. Dan għandu jkun l-uniku għan ta' dan is-

sottokumitat. Dan is-sottokumitat għandu jiltaqa' mill-inqas erba' (4) darbiet fis-sena. Dan is-sottokumitat għandu jikkonsulta fejn meħtieġ

## 46. *Forum Amministrattiv*

46.1. L-eżekuttiv għandu jieħu ħsieb li jiġi stabbilit forum amministrattiv għall-għaqdiet studenteski..

46.2. Is-Segretarju Ġenerali għandu jlaqqa' tal-inqas darba kull tlett xhur fejn ikun ukoll

46.3. preżenti membru ieħor mill-eżekuttiv, idealment il-President jew il-Viċi President.

46.3.1. L-għan ta' dan il-forum huwa li jiġu diskussi suġġetti ta' natura amministrattiva bejn il-membri tal-għaqdiet u l-eżekuttiv tal-KSU.

46.4. Il-membri tal-forum għandhom ikunu sa żewġ membri tal-eżekuttiv ta' għaqdiet, idealment mill-amministrazzjoni tal-istess għaqda, rikonnoxuti mis-Senat tal-Universita'.

## *47. Sottokumitat tal-Kultura*

47.1. L-ezekuttiv ghandu jiehu hsieb li jiġi stabbilit sottokumitat ta' mhux inqas minn erba' (4) persuni bil-ghan li jsir djalogu fuq attivitajiet kulturali u tiġi żviluppata d-direzzjoni kulturali tal-KSU.

47.2 Il-koordinatur tal-Kultura u Divetiment, obbligat li jorganizza laqgħa darba kull semestru. Membru mill-ezekkutiv preferabbilment il Vici-President jew is-Segretarju Generali ghandu jattendi din il-laqgha.

47.2. Il-membri tas-sottokumitat għandhom ikunu membri tal-poplu studentesk in ġenerali. Ghandha tinhareg sejha ghall-applikazzjonijiet lejn il-bidu tat-terminu tal-ezekuttiv il-gdid sabiex jiġi ffurmat is-sottokumitat. L-applikanti ghandhom jiġu mitluba jiġġustifikaw l-interess taghhom, f'kaz jinqabez in-numru ta' applikazzjonijiet stipulat mill-ufficju tal-Kultura u d-Divertiment.

47.3. Ghandu jsir djalogu kostanti fuq diversi avvenimenti u affarijiet kulturali bil-ghan li jitqajjem interess qalb il-poplu sudentesk. Ghandu wkoll ikun hemm involviment bi shih f'attivitajiet kulturali li jorganizza l-ezekuttiv, primarjament Students' Fes, kif ukoll attivitajiet ohra.

## 48. ***Kumitat ta' Kuntatt bejn il-KSU u l-Kunsill ta l-Universita' ta' Malta.***

48.1. Ir-Rappreżentanti tal-istudenti fuq il-Kunsill ta' l-Universita' ta' Malta, li jkunu eletti fit-termini tal-Liġi ta' Malta għandu jkollhom post bħala membru ex-officio tal-Kumitat ta' Kuntatt bejn il-KSU u l-Kunsill ta l-Universita' ta' Malta.

48.2. Għandha ssir laqgħa bejn il-membri tal-Kumitat ta' Kuntatt bejn il-KSU u l-Kunsill ta l-Universita' ta' Malta mill-inqas darba kull erba' (4) xhur.

48.3. Waqt dawn il-laqgħat tal-Kumitat ta' Kuntatt bejn il-KSU u l-Kunsill ta l-Universita' ta' Malta għandu jiġi diskuss esklussivament il-politika u l;-proposti, li huma intenzjonati li jiġu preżentati mill-KSU għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill ta l-Universita' ta' Malta.

## 49. ***Kumitat ta' Kuntatt bejn il-KSU u s-Senat ta l-Universita' ta' Malta***

49.1. Ir-Rappreżentanti tal-istudenti fuq is-Senat ta' l-Universita' ta' Malta, li jkunu eletti għandu jkollhom post bħala membri ex- officio tal-Kumitat ta' Kuntatt bejn il-KSU u s-Senat ta' l-Universita' ta' Malta.

49.2. Għandha ssir il-laqgħa bejn il-membri tal-Kumitat ta' Kuntatt bejn il-KSU u s-Senat ta' l-Universita' ta' Malta mill-inqas darba kull erba' (4) xhur.

49.3. Waqt dawn il-laqgħat tal-Kumitat ta' Kuntatt bejn il-KSU u s-Senat ta' l-Universita' ta' Malta għandu jiġi diskuss esklussivament il-politika u l-proposti, li huma intenzjonati li jiġu preżentati mill-KSU għall-kunsiderazzjoni tal-Senat tal-Universita' ta' Malta.

## ***50. Sottokumitat għas-Solidarjeta***

50.1. L-ezekuttiv għandu jieħu ħsieb li jiġi stabbilit sottokumitat ta' mhux inqas minn erba' (4) persuni bil-għan li jsir djalogu fuq is-solidarjeta fost l-istudenti. L-għan ta' dan is-sottokumitat huwa biex isir djalogu fuq diversi kampanji marbutin mal-karita u l-volontarjat. Il-kumitat għandu jorganizza diversi avvenimenti biex iqajmu kuxjenza fuq diversi suġġetti.

50.2. Il-Viċi – President għandu jlaqqa' tal-inqas darba kull xahrejn das-sottokumitat fejn ikun ukoll preżenti l-Uffiċjal Finanzjarju.

50.3. Il-membri tas-sottokumitat għandhom ikunu membri tal-poplu studenteski in ġenerali. Għandha tinħareġ sejħa għall-applikazzjonijiet lejn il-bidu tat-terminu tal-ezekuttiv il-ġdid sabiex jiġi ffurmat is-sottokumitat. L-applikanti għandhom jiġu mitluba jiġġustifikaw l-interess tagħhom, f' kaz jinqabeż in-numru ta' applikazzjonijiet stipulat.

## *51. __Gozo Liason Officer__*

51.1. L-uffiċjal għandu jkun ex-officio, il-President tal-GUG.

51.2. Il-funzjoni ta' dan l-uffiċjal hu li jissigura kuntatt kontinwu u dirett bejn il-KSU u l-għaqda tal-istudenti Għawdxin tal-Universita'. Il-GUG.

51.3. Laqgħa regolari għanda sseħħ bejn ir-rappreżentanti tal-KSU u l-Gozitan Liason Officer.

## *52. __NSTF__*

52.1. L-Eżekuttiv ikun responsabbli li fl-ewwel (1) laqgħa tiegħu jaħtar minn ħdanu d-diretturi meħtieġa biex jirrapreżentaw l-interessi tal-istudenti fuq il-Bord tan-*National Student Travel Foundation* (NSTF). Dawn huma l-President tal-KSU ex officio u erbgħa (4) membri oħra nominati u approvati mill-Eżekuttiv tal-KSU.

52.2. L-Eżekuttiv kollu tal-KSU għandu jifhem u japprezza r-relazzjoni tiegħu mal-NSTF u jassigura li kull riżors li huwa propjeta tal-KSU (sħiħa jew parzjali) ma tiġix abbużata jew misapproprijata.

52.3. Is-Segretarju Ġenerali għandu jorganizza, fi zmien erbgħin (40) ġurnata mill-ħatra tal-Eżekuttiv il-ġdid, laqgħa kongunta bejn l-Eżekuttiv tal-KSU flimkien mar-rappreżentanti tal-NSTF li għandha isservi bħala laqgħa ta' informazzjoni dwar:

*52.3.1.* L-NSTF, l-NSTS u kumpaniji relatati;

*52.3.2.* Ir-relazzjoni tagħhom mal-KSU;

*52.3.3.* L-obbligi tal-membri tal-Eżekuttiv tal-KSU fir-rigward tagħhom, partikolarment ta' dawk il-membri tal-Eżekuttiv li jkunu appuntati bħala diretturi.

## TIBDIL STATUORJU

### *53. <u>Tibdiliet</u>*

53.1. Tibdiliet permanenti u temporanji u sospensjonijiet għal tul ta' żmien f'dan l-iStatut jew l-Appendiċi tiegħu jistgħu jsiru biss wara li jiġu ppreżentati u approvati b'żewġ terzi (⅔) tal-voti tal-membri preżenti f'Laqgħa Ġenerali.

53.2. It-tibdiliet iridu jkunu fuq l-aġenda u mwaħħla fuq in-noticeboards tal-KSU qabel ma tibda' l-Laqgħa Ġenerali.

53.3. Kull bidla (sew jekk emenda, revoka, sospensjoni għal tul ta' żmien jew provvidiment ġdid) fl-iStatut tibda' tapplika biss wara li tispiċċa l-Laqgħa Ġenerali.

## <u>DISSOLUZZJONI</u>

54. Fil-kaz ta' xoljiment tal-organizzazzjoni, kwalunkwe assi li jkunu għadhom tal-KSU, jiġu trasferiti lil organizzazzjoni *non-profit* oħra kif jiġi deċiż fil-Laqgħa Ġenerali Annwali jew fil-Laqgħa Ġenerali Straordinajra, fuq talba tal-eżekuttiv tal-KSU, liema organizzazzjoni ikollha l-għanijiet simili ta' dawk tal-KSU, kif inhuma deskritti f'Artiklu 2 ta' dan l-istatut.

# APPENDIĊI A

## Proċeduri Ġenerali

### *Taqsima 1: Is-Sedja*

1. Għandu jkun hemm Sedja f'kull laqgħa u fil-każ tal-Laqgħa Ġenerali tiġi maħtura minn fost il-membri preżenti.
2. Is-setgħat tas-Sedja huma li:

2.1. Tiddikjara l-ftuħ u l-għeluq tal-laqgħa;

2.2. Tidderiġi d-diskussjoni;

2.3. Tassigura l-osservanza tar-regolamenti u proċedura skond dan l-iStatut;

2.4. Tagħti l-jedd tal-kelma;

2.5. Tqiegħed proposti għall-mozzjonijiet għall-vot;

2.6. Tħabbar deċiżjonijiet;

2.7. Taċċetta jew ma taċċettax mozzjoni jew kontro-mozzjoni;

2.8. Tiddeċiedi x'inhu jew mhux point of order;

2.9. Iżżomm id-diskussjoni ristretta għas-suġġett;

2.10. Iżżomm l-ordni;

2.11. Tista' tirrifjuta l-ftuħ ta' diskussjoni;

2.12. Tista' tirrifjuta l-ftuħ ta' diskussjoni fuq materja barra mill-aġenda;

2.13. Tista' taġġorna l-laqgħat meta:

2.13.1. Jinqala' disordni estrem;

2.13.2. Meta hemm kunsens ġenerali;

2.13.3. Fuq mozzjoni regolari tal-membri preżenti approvata minn tlett kwarti (3/4) tal-voti validi.

## ***Taqsima 2: Mozzjonijiet***

3. Dawn il-mozzjonijiet ikollhom preċedenza fuq mozzjonijiet oħra, dejjem bil-prijorita' kif imniżżla hawn:
   3.1. Kontro-mozzjoni għal-mozzjoni;
   3.2. Mozzjoni ta' sospensjoni jew aġġornament tal-laqgħa;
   3.3. Mozzjoni t'aġġornament fuq aġendum (suġġett għad-diskussjoni);
   3.4. Mozzjoni għat-terminazzjoni ta' dibattitu b'vot sussegwenti;
   3.5. Mozzjoni biex tirreferi materja lil xi Kummissjoni jew Kumitat jew biex jiġi diskuss f'laqgħa oħra
4. Kull mozzjoni, emenda u kontro-mozzjoni jrid ikollha proponent u sekondant:
   4.1. Il-proponent għandu l-jedd għall-kelma favur il-mozzjonili jkun ser jipproponi u għandu l-jedd għar-replika qabel ma jittieħed vot.
5. Mozzjonijiet imressqa għandhom ikunu relatati biss ma' oqsma li jaqgħu taħt il-kompetenzi tal-KSU.
6. Mozzjonijiet ikunu soġġetti għad-diskussjoni.
7. Mozzjonijiet jistgħu jiġu emendati.
8. Fil-każ tal-Laqgħa Ġenerali, fuq mozzjonijiet estraneji, għall-aġenda l-Laqgħa Ġenerali għandha tgħaddi vot hekk kif tibda' l-Laqgħa jekk certi mozzjonijiet għandhomx jingħataw għall-vot jew le, u jiġu annessi mal-aġenda.
9. Mozzjoni jew emenda għandha titqiegħed għall-vot *unu contextu*.
10. Meta titressaq emenda għall-mozzjoni, l-ewwel ma jittieħed vot hu fuq dak l-inqas relatat *in substantia* mal-mozzjoni oriġinali.
11. Emenda għall-mozzjoni tista':
    11.1. Iżżid mal-mozzjoni prinċipali;
    11.2. Tħassar mill-mozzjoni prinċipali;
    11.3. Tirrevedi parti mill-mozzjoni prinċipali.
12. F'każ ta' kontro-mozzjoni għall-mozzjoni prinċipali jew kontro-mozzjoni jew emenda, l-ewwel ma titqiegħed għall-vot hija l-aħħar kontro-mozzjoni preżentata lis-Sedja.

13. Waqt il-votazzjoni, ħadd ma jista' jinterrompi jekk mhux minħabba *point of order* b'konnessjoni mal-andament attwali tal-votazzjoni.
14. Membru għandu l-jedd ta' *recorded vote* jew jista' jitlob vot sigriet .
15. Il-votazzjoni ssir f'din is-sekwenza: voti kontra, voti favur, voti ta' astensjoni.

## ***Taqsima 3:  Jedd għall-Kelma***

16. Il-jedd għall-kelma jingħata bi prijorita' hekk kif imniżżel hawn:
    - 16.1. *Point of order*;
    - 16.2. *Point of information*;
    - 16.3. Oħrajn.
17. Is-Sedja tista' taqra *list of speakers* u, bil-kunsens tal-membri preżenti, tiddikjara l-list of speakers bħala magħluqa u finali, dejjem jekk il-proponent tal-mozzjoni jingħata l-kelma qabel ma jittieħed il-vot.
18. Ħadd ma jista' jaqbeż it-tlett (3) minuti.  Kelliem jista' jieħu ħames (5) minuti biss jekk ikun qed jippreżenta rapport.  Għall-proponiment ta' mozzjonijiet jew kontro-mozzjonijiet, kelliem ma jistax idum iktar minn tlett (3) minuti.

## ***Taqsima 4:  Proċedura għall-Laqgħa Ġenerali***

19. Twissjia għandha issir billi jiġi ippublikat avviż fuq in-*noticeboards* kollha tal-KSU sa mhux inqas minn ħamest (5) ijiem utli u mhux qabel għaxart (10) ijiem utli mid-data tal-Laqgħa Ġenerali, kif ukoll kif stipulat minn Klawsola 20 u/jew Klawsola 21 ta' din it-taqsima.  .
20. Bħala twissija għall-Laqgħa Ġenerali, ghandha tintbaghat notifika elettronika lill-imsiehba kollha permezz ta' e-shot permezz tad-database tal-Universita f'perjodu ta' mhux inqas minn hamest (5) ijiem utli mid-data tal-Laqgha Generali jew ghandu jasal avviż id-dar lil kull imsieheb f'perjodu ta' mhux inqas minn ghaxart ijiem utli mid-data tal-Laqgha Generali.
21. Għandu jintbagħat avviż biex jiġi ippublikat fil-ħarġa ta' kull gazzetta ta' kuljum li jkunu popolari minn żmien għall-żmien (kemm dawk bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż) f'perjodu ta' mhux inqas minn ħamest (5) ijiem utli u mhux qabel għaxart (10) ijiem

utli mid-data tal-Laqgħa Ġenerali u għandu jintalab li jixxandar bħala stqarrija tal-aħbarijiet fuq il-mezzi tax-xandir.

22. Fil-każ tal-Laqgħa Ġenerali Annwali, għandu jitħabbar b'mod ċar f'kull twissija li l-Laqgħa Ġenerali Annwali se tilqa' n-nominazzjonijiet għall-kandidati għall-elezzjoni tal-membri tal-Eżekuttiv.
23. Il-minuti tal-Laqgħa Ġenerali preċedenti ma jinqrawx iżda jkunu għad-disposizzjoni tal-imseħbin sa mhux inqas minn tlett (3) ijiem qabel. F'kull Laqgħa Ġenerali, l-Eżekuttiv jista' jippreżenta rapport b'rakkomandazzjonijiet fuq x'għandu jiġi diskuss.
24. Jiġi diskuss biss dak li jkun hemm fuq l-aġenda. Kull membru jista' jressaq xi mozzjoni għall-konsiderazzjoni tal-Laqgħa Ġenerali, liema mozzjoni għandha titressaq bil-miktub lis-Segretarju Ġenerali sa jumejn (2) qabel il-Laqgħa biex tiġi inkluża fl-aġenda.
25. Laqgħa Ġenerali taħtar lis-Sedja tagħha. Dan il-punt ikun l-ewwel aġendum ta' kull Laqgħa Ġenerali.
26. Is-Sedja biss għandha l-*casting vote*.
27. Is-Sedja tista' tkeċċi lil min ma jġibx ruħu b'mod xieraq u tista' tissospendi l-Laqgħa Ġenerali għal mhux iktar minn siegħa.
28. Deċiżjoni mis-Sedja waqt il-Laqgħa Ġenerali tista' tiġi kkontestata biss bil-metodu stipulat minn dan l-artiklu. Fil-mument li tingħata d-deċiżjoni in kwistjoni, membru li jrid jikkontesta jrid jiddikjara verbalment li ser jagħmel dan u, mhux iktar minn ħames (5) minuti wara, jippreżenta lis-Sedja mozzjoni bil-miktub għal dan il-għan. Meta l-mozzjoni tiġi ppreżentata lis-Sedja bil-miktub, jittieħed vot fuq il-mozzjoni, liema vot irid jikseb żewġ terzi (⅔) tal-voti validi. Dan li, qabel ma jittieħed il-vot jista' jitkellem wieħed favur u wieħed kontra tal-mozzjoni ta' kontestazzjoni.
29. Il-Laqgħa Ġenerali Annwali biss tilqa' nominazzjonijiet għall-kandidati għall-Eżekuttiv il-ġdid, u jiġu milqugħa sa ma qabel il-Laqgħa Ġenerali Annwali tasal fl-aġendum: nominazzjonijiet u preżentazzjoni tal-Eżekuttiv il-ġdid.
30. Kull Kanditat għandu jiġi nominat għal kariga partikolari minn dawk li skond dan l-istatut (klawsola 32 tal-Appendiċi) jiġu eletti direttament mill-membri. Kull kandidatura trid titressaq bil-miktub lis-Segretarju Ġenerali tmienja u erbgħin (48) siegħa qabel ma' tibda' il-Laqgħa Ġenerali Annwali.

31. F'dan l-aġendum hawn imsemmi, is-Sedja gcandha taqra l-lista tal-kandidati għall-karigi skond l-ordni tal-kariga. Kull kandidat għandu dritt li jitkellem dwar il-kandidatura tiegħu għal mhux aktar minn (1) minuta.
32. Il-President, il-Viċi President, is-Segretarju Ġenerali, l-Uffiċjal Finanzjarju, l-Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi, l-Uffiċjal Internazzjonali, l-Koordinatur Internazzjonali, l-Uffiċjal Kultura u Divertiment, il-Koordinatur Kultura u Divertiment, Il-Koordinatur Edukazzjoni u l-Koordinatur Politika Soċjali jiġu eletti direttament mill-istudenti, waqt li l-Kummissarju Edukazzjoni u l-Kummissarju Politika Soċjali jiġu eletti direttament mill-membri rispettivi, kif deskritt fl-iStatut.
33. F'każ li għal xi kariga partikolari jkun hemm iktar minn kandidat wieħed li jikkontesta, għandha tinħatar Kummissjoni Elettorali sabiex tniedi elezzjoni fi żmien għaxart (10) ijiem utli. Jekk ikun hemm kandidat wieħed biss li jikkontesta kariga partikolari, dan jiġi awtomatikament elett u għandu d-dmir li jitlob vot ta' sfiduċja, b'*secret ballot*.
34. F'każ ta' nuqqas ta' membru għal raġunijiet ta' riżenja, inċident, disgrazzja jew raġunijiet oħra, l-Eżekuttiv għandu jagħti ħmistax (15)-il ġurnatali fihom għandu jilqa' nominazzjonijiet għall-post vakanti u f'każ ta' iktar min-nominazzjoni waħda għandha tissejjaħ elezzjoni fi żmien ta' mhux iżjed minn għaxart (10) ijiem utli. Jekk fl-aħħar Laqgħa Ġenerali Annwali ma tkunx eleġġiet Kummissjoni Elettorali għandha titlaqqa' Laqgħa Ġenerali Straordinarja sabiex teleġġi Kummissjoni Elettorali. F'dan il-każ, l-aħħar għaxart (10) ijiem jibdew jgħoddu mid-data tal-Laqgħa Ġenerali Straordinarja. Imsieħeb li jkun eks-membru tal-Eżekuttiv li ġie dekadut ma jista jikkontesta qatt iktar għall-kariga tal-Eżekuttiv.
35. Tipikament id-data tal-elezzjoni għandha tiġi stabbilita bhala prassi li ssir tmint (8) ijiem wara l-Laqgha Generali, sakemm ma jkunx hemm okkażjoni ta' festa pubblika jew ċirkostanzi ohra.

## ***Taqsima 5: Minuti***

36. Il-minuti tal-Laqgħa Ġenerali għandhom jinkludu:

36.1. Id-data tal-Laqgħa;

36.2. Il-post tal-Laqgħa;

36.3. Il-Membri preżenti;

36.4. Il-Membri assenti;

36.5. Il-Membri skużati u r-raġuni għall-assenza tagħhom;

36.6. Il-ħinjiet meta daħlu u/jew ħarġu membri tal-Eżekuttiv fil-/mill-Laqgħa;

36.7. L-aġenda preliminari tal-Laqgħa;

36.8. Approvazzjoni tal-minuti tal-Laqgħa ta' qabel;

36.9. I-titlu ta' kull *issue* li qegħda għad-diskussjoni fuq l-aġenda;

36.10. L-isem ta' min ressaq l-*issue* fuq l-aġenda;

36.11. *Summary* tad-diskussjoni;

36.12. Nota verbali ta' punti li xi Membru jixtieq li jitniżżel preċiż fil-minuti dwar id-diskussjoni;

36.13. Dettalji dwar il-vot li jista' jittiehed dwar l-*issue* (inkluż, il-Membri preżenti, in-numru tal-Membri li ivvutaw, in-numru tal-Membri li astjenew, ir-riżultat u l-andament tal-vot – approvat u/jew mhux approvat);

36.14. Affarijiet oħra li ġew diskussi u li ġew notati bħala importanti;

36.15. Punti ta' azzjoni (*follow-up plan)* ta' wara l-laqgħa;

36.16. Il-firma ta' min għamel il-minuti.

## ***Taqsima 6: Kummissjoni Elettorali***

37. Ikun hemm Kummissjoni Elettorali li tkun komposta mill-Kap Kummissarju u numru ta' Kummissarji li ma jkunux inqas minn erbgħa (4) u mhux iktar minn għaxra (10), li minnhom jintgħażlu Assistenti Kummissarji. Il-Kummissjoni tinħatar esklussivament mil-Laqgħa Ġenerali, fuq parir tal-Eżekuttiv, liema parir għandu jirrapreżenta b'mod ġust il-parteċipanti fl-elezzjoni u b'hekk jistabbilixxi bilanċ.
38. Il-Laqgħa Ġenerali Annwali trid taħtar ukoll żewġ membri ta' riserva.
39. Il-Kummissjoni Elettorali għandha tkun imparzjali f'kull ħin kemm waqt il-kampanja elettorali, waqt il-jum tal-votazzjoni u waqt l-għadd tal-voti. Ġaladarba membru tal-Kummissjoni Elettorali jinqabad jikser dan l-Artiklu, il-Kap Kummissarju għandu jibgħat ittra bil-miktub liċ-*Chairperson* tal-Bord tad-Dixxiplina sabiex jittieħdu l-passi meħtieġa, liema passi jridu jiġu deċiżi immedjatament.

40. Il-Kummissjoni Elettorali li tiġi appuntata għandha tiltaqa' għall-ewwel darba mhux aktar minn erbgħa u għoxrin (24) siegħa mill-ħatra tagħha fil-Laqgħa Ġenerali Annwali.
41. Laqgħat oħra tal-Kummissjoni Elettorali għandhom isiru skond l-eżiġenzi tal-Kummissjoni stess u jissejħu mill-Kap Kummissarju Elettorali.
42. Immedjatament wara l-Laqgħa Ġenerali Annwali, il-Kap Kummissarju għandu jikteb lir-Registratur tal-Universita' ta' Malta u jitolbu li jgħaddilu lista tal-istudenti kollha reġistrati fl-Universita' ta' Malta. Dawn għandhom jinkludu l-Membri Sħaħ kollha tal-KSU.
43. Tibbulika l-informazzjoni li ser isiru l-elezzjonijiet u lista ta' karigi li għalihom qed issir elezzjoni, bl-ismijiet tal-kandidati għall-kariga rispettiva, f'kull bini eżistenti fuq il-Kampus tal-Qroqq, l-IHC, l-iSkola Medika, fil-*Junior College* fiċ-Ċentru t'Għawdex, fil-*University Residence* u fiċ-Ċentru Restawr fil-Bigħi.
44. Il-Kummissjoni Elettorali għandha tara li jiġu pprovduti kaxxi tal-vot u sigilli adegwati għall-konsultazzjoni elettorali sigrieta.
45. Il-Kummissjoni Elettorali għandha tieħu ħsieb li jiġu stampati *ballot sheets*. Fuq kull *ballot sheet* għandu jitqiegħed timbru tal-Kummissjoni sabiex dan ikun validu u kwalunkwe timbru jew sinjal ieħor ta' kandidat jekk dan jixtieq.
46. Il-Kummissjoni Elettorali għandha tavża lill-kandidati kollha li l-kampanja elettorali tagħhom trid tagħlaq f'nofs il-lejl tal-ġurnata ta' qabel il-ġurnata tal-elezzjoni, u għandha taċċerta li din ir-regola tkun ġiet osservata.
47. Dan ifisser li wara nofs il-lejl il-quddiem:

47.1. Ma jistgħux isiru attivitajiet pubbliċi relatati mal-elezzjoni;

47.2. Ma jistgħux isiru diskussjonijiet, programmi jew propaganda bil-miktub, fuq it-televiżjoni u/jew fuq ir-radju u/jew fuq l-*internet* u/jew permezz ta' kwalunkwe mezz elettroniku ieħor;

47.3. Ma jistgħux jitqassmu karti, *posters* u/jew dokumenti oħra (anka elettroniċi) relatati mal-elezzjoni;

47.4. Ma jistgħux jitwaħħlu *posters*, *billboards*, karti eċċetera f'postijiet ġodda u/jew jinbidlu oħrajn li huma relatati mal-elezzjoni;

47.5. Kull *poster*, *banner*, karta, informazzjoni, ritratti, u tip ta' propaganda ieħor li huwa relatat mal-elezzjoni għandu jitneħħa jew jiġi żarmat minn ġewwa l-bini fejn ser issir il-votazzjoni;

47.6. Dan li, xorta waħda jistgħu jitlibbsu *t-shirts*, *badges*, u *paraphernelia* oħra fil-ġurnata tal-elezzjoni ħlief sa mitt (100) metru l-bogħod mill-post tal-votazzjoni.

48. F'dan is-sens, il-Kummissjoni Elettorali għandha dritt li tkeċċi kull persuna li tidħol fil-bini fejn qegħda issir l-elezzjoni u tista' tikkonfiska u/jew tqaċċat u/jew tarmi dawn il-*paraphernelia* u kull *poster* jew dokument li huma kontra l-provvedimenti fuq imsemmija.

49. Il-Kummissjoni għandha d-dritt tippublika regolamenti li jirregolaw il-proċedura u l-andament tal-elezzjoni sakemm dawn l-istess regoli jkunu konformi mal-provvedimenti ta' dan l-iStatut.

50. Dakinhar tal-istess elezzjoni, l-kaxxi tal-voti jridu jiġu ssiġillati mill-Kummissjoni Elettorali flimkien mal-istudenti li jkunu qed jikkontestaw l-elezzjoni jew ir-rappreżentanti tagħhom.

51. L-issiġillar tal-kaxxi għandu jsir kmieni filgħodu qabel ma tibda l-votazzjoni, f'ħin stipulat mill-Kummissjoni Elettorali. Huwa d-dmir ta' dawk intitolati li jkunu preżenti waqt dan il-proċess li jkunu fil-post stabbilit mill-Kummissjoni fil-ħin stipulat.

52. Il-votazzjoni għandha issir tul ġurnata waħda. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-ħin li fiħ tiftaħ u tagħlaq il-votazzjoni. Fuq il-Kampus tal-Qroqq, il-Kummissjoni Elettorali għandha tistabbilixxi il-positijiet fejn ser issir il-votazzjoni u n-numru ta' kaxxi b'tali mod li tiffaċilita l-andament tal-votazzjoni, b'mod li jkun hemm distribuzzjoni kemm jista' jkun ugwali fil-proporzjoni ta' studentu għall-kull kaxxa fil-positijiet tal-votazzjoni partikolari. Il-Kummissjoni Elettorali għandha tara li jkun hemm minn tal-inqas post tal-votazzjoni f'kull Kampus li jiffoprma parti mill-Universita' ta' Malta u fejn il-bzonn jirrikjedi b'aktar minn kaxxa waħda.

53. Tul il-ġurnata tal-elezzjoni m'għandu jitqassam l-ebda materjal ta' propaganda jew riklamar jew materjal li jista' b'xi mod jew ieħor jipprova jinfluwenza l-vot.

54. Il-Kummissjoni Elettorali għandha tieħu ħsieb li dejjem ikun hemm membri suffiċjenti tal-Kummissjoni Elettorali biex jissorveljaw il-votazzjoni.

55. Kull kandidat għandu/a d-dritt li jinnomina rappreżentanti sabiex ikun hemm rappreżentant tiegħu ma kull kaxxa tal-vot.
56. Il-Kummissjoni Elettorali għandha tistabbilixxi l-ħin meta jibdew jingħaddu l-voti kif ukoll il-post fejn dawn ser jingħaddu.
57. Jekk ikun hemm il-ħtieġa ta' votazzjoni, il-voti jibdew jingħaddu mmedjatament kif jagħlaq il-ħin tal-votazzjoni kif avżat.
58. Waqt l-għadd tal-voti jistgħu jkunu preżenti biss il-membri tal-Kummissjoni Elettorali u l-kandidati jew rappreżenant wieħed tagħhom. Dan li, fejn id-diskrezzjoni tal-Kummissjoni Elettorali huwa ċar li numru ta' kandidati għamlu propaganda konġunta bħala grupp ta' kandidati matul l-andament kollu tal-elezzjoni, l-Kummissjoni Elettorali tista' tordna li numru limitat ta' rappreżentanti jistgħu jirrappreżentaw dak il-grupp ta' kandidati.
59. Mhux iktar tard minn erbgħa u għoxrin (24) siegħa mill-għeluq tal-għadd tal-voti, l-Kummissjoni Elettorali għandha tippublika r-riżultati li jkunu iffirmati minn mhux inqas minn nofs il-membri tal-Kummissjoni.
60. Tista' tieħu miżuri oħra sabiex tmexxi l-elezzjoni b'mod ġust u biex iżżomm l-ordni tul l-elezzjoni, u taddotta proċedura fejn dan l-iStatut huwa sieket.
61. Il-Kummissjoni Elettorali m'għandha l-ebda setgħa timponi sanzjonijiet finanzjarji.
62. L-imsieħba kollha għandhom dritt jivvutaw billi jagħtu l-preferenza tagħhom lil dak il-kandidat li jaħsbu li għandu jiġi elett.
63. Il-Kummissjoni Elettorali għandha tirrappreżenta rendikont tal-ispejjeż kollha tal-elezzjoni lill-Uffiċjal Finanzjarju fi żmien ta' mhux inqas minn ħamest (5) ijiem wara l-elezzjoni.

## Taqsima 7: Rappreżentanti ta’ Istituti u Ċentri fil-Kummissjoni Edukazzjoni

64. Rappreżentanti studenteski tal-Bord ta’ dawn l-Istituti jew Ċentri jagħmlu parti mill-Kummissjoni Edukazzjoni:

*64.1.* *Institute for European Studies*

*64.2.* *Institute of Anglo-Italian Studies*

*64.3.* *International Institute of Baroque Studies*

*64.4.* *Institute for Climate Change & Sustainable Development*

*64.5.* *Confucius Institute*

*64.6.* *Institute of Digital Games*

*64.7.* *Institute of Earth Studies*

*64.8.* *The Edward De Bono Institute for Design & Development of Thinking*

*64.9.* *Institute of Linguistics*

*64.10.* *Islands & Small States Institute*

*64.11.* *Institute of Maltese Studies*

*64.12.* *Institute for Physical Education & Sport*

*64.13.* *Institute of Space, Sciences & Astronomy*

*64.14.* *Institute for Sustainable Energy*

*64.15.* *Institute for Tourism, Travel & Culture*

*64.16.* *Mediterranean Institute*

*64.17.* *Mediterranean Academy of Diplomatic Studies*

*64.18.* *Centre for Biomedical Cybernetics*

*64.19.* *Centre for English Language Proficiency*

*64.20.* *Centre for Enterpreneurship & Business Incubation*

*64.21.* *Centre for Environmental Education & Research*

*64.22.* *Centre for Labour Studies*

*64.23.* *Centre for the Libral; Arts & Sciences*

*64.24.* *Centre for Literacy*

*64.25.* *Centre for Resilence & Socio-Emotional Health*

*64.26.* *Euro-Mediterranean Centre for Educational Research*

*64.27.* *School of Performing Arts*

# TMIEM